# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 28 ta' April 2016

Rikors Guramentat Nru. 218/ 12RGM

Kawza fil-lista: 12

**D L**
**vs**
**W M**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fil-25 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieldu zewg ulied li ghadhom minorenni, P li ghandha sebgha (7) snin u S li ghandu tlett (3) snin ahwa L.

2. Illi wara li din ir-relazzjoni ntemmet, il-kura u kustodja tal-imsemmija minuri giet fdata liz-zewg kontendenti konguntivament, filwaqt li 1-minuri iqattghu il-jum principalment mar-rikorrent u jorqdu principalment mal-intimata, skont ma hu regolat bid-digriet ta' din 1-Onorabbli Qorti moghti fil-mori tal-medjazzjoni.

3. Illi r-rikorrent jiehu hsieb ukoll il-manteniment ta' uliedu minuri skont ma jirrizulta mid-digriet, u b'zieda ma' dan, jiehu hsieb imantni lil uliedu direttament fil-hinijiet twal li jghixu mieghu.

4. Illi l-intimata qed tirrifjuta li tersaq ghall-iffirmar ta' kuntratt notarili li permezz tieghu jigu regolati l-pendenzi kollha dwar l-ulied minuri, u dan abbazi tad-digrieti li nghataw pendente lite, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi r-rikorrent talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'dina l-istanza kontra l-intimata.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

i. Tafda lir-rikorrent bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri P u S ahwa L, salv l-access tal-intimata ghall-istess ulied minuri, u bi provvediment dwar kif ghandu jigi ezercitat l-access fil-festi u fjiem partikolari tas-sena.

ii. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent manteniment ghaz-zewg ulied S u P ahwa L li jinkludi wkoll il-kontribut tal-intimata versu l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-ulied, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimata, li ghandhom jigu ffissati minn din 1-Onorabbli Qorti, u kif ukoll tipprovdi dwar kif ghandhom jigu percepiti l-beneficcji socjali li jithallsu mill-istat ghall-ulied minuri.

iii. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-ulied minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li qieghda minn issa tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti filwaqt illi taqbel ma' l-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet f'paragrafi numru tnejn, tlieta u erba tar-rikors guramentat stante li huma inveritieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponenti tirriserva li tressaq xhieda in sostenn.

Illi ghalhekk l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:

1. Illi l-esponenti topponi ghall-ewwel talba tal-intimat li jinghata l-kura u l-kustodja tal-ulied stante li hija dejjem hadet hsieb liz-zewg minuri, u dan anke meta l-istess intimat, wara ghaxar snin ta' konvivenza, ghogbu jitfa lilha u lil uliedu lkoll barra 1-appartament li kienu jghixu fih b'ta' fuqhom senduqhom u dana f'nofs ta' lejl; tant li

lkoll spiccaw jghixu ghand n-nanniet materni; l-esponenti qed tressaq kontro-talba stante li thoss li l-kura u l-kustodja ghandha tinghata tigi affidata lilha;

2. Illi l-esponenti qieghda ukoll topponi ghat-tieni talba tal-intimat li hija tigi ikkundannata thallas lil intimat ghal manteniment tal-ulied; huwa l-intimat li ghandu jibqa ihallas iil esponenti hekk kif diga dekretat minn dina l-Onorabbli Qorti u f'ammont ikbar minn dak li tikkontribwixxi l-esponenti stante li l-introjtu tal-intimat jissupera ferm dak tal-esponenti li tippercepixxi €661.63 net fidejha. Fil-mori tal-kawza ser jigi ippruvat l-intraprizi li jigestixxi l-intimat u l-introjtu li huwa ghandu;

3. L-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-tielet talba tal-intimat dment li l-istess ezercizzju jsir fl-ahjar interess taz-zewg minuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba li taqra kif gej:

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal Martin u S, t-tnejn minuri;

2. Illi r-relazzjoni bejn l-partijiet spiccat u l-esponenti tixtieq li tirregola l-kura u l-kustodja, il-manteniment u l-access li li l-intimat ghandu ikollu lejn 1-minuri;

3. Illi l-partijiet ma waslux ghal ftehim bonarju u ghalhekk l-esponenti kellha tipprocedi b'din l-kawza mill-Qorti tal-Familja, permezz ta' digriet.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri ulied tkun affidata f'idejn l-esponenti, b'modalita ta' access favur l-intimat;

2. Tordna lil intimat sabiex ihallas lil esponenti manteniment ghal ulied, kif wkoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri, b'dawk il-modalitajiet kollha ta' pagament, inkluz provvediment ghall-awment tal-istess manteniment skond iz-ziediet tal-gholi tal-hajja;

3. Tawtorizzha lil esponenti tippercepixxi esklussivament kwalsiasi beneficcji socjali moghtija ghal familja u ghat-tfal;

4. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fosthom dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din 1-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenuta fejn issottometta s-segwenti;

1. Preliminarjament in-nullita' tat-talba rikonvenzjonali stante' li l-okkju tat-talba rikonvenzjonali ma huwiex l-istess bhal dak tar-rikors mahluf.

2. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda billi r-rikorrent ghandu jigi fdat il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri P u S ahwa L fl-interess tal-istess minuri.

3. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali giet opposta limitatament fis-sens illi r-rikorrent rikonvenjent jaqbel li ghandu jmantni lill-ulied minuri direttament fil-hijnijiet twal li jkunu mieghu, pero' ma jaqbilx li ghandu jhallas xi manteniment lill-intimata rikonvenjenti ghall-istess minuri.

4. Illi t-tielet talba giet opposta stante li ma hux xieraq li l-beneficcji msemmija f'din it-talba jigu percepiti kollha mill-intimta rikonvenjenti.

5. Illi r-rikorrent rikonvenut jaqbel li ghandhom jinghataw il-provvedimenti mitluba fir-raba' talba rikonvenzjonali, u dan dejjem fl-interess suprem tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata rikkonvenjenti.

Rat id-digriet moghti fil-15 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti diversament presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza,u rrinvijat l-atti lir-Registratur, biex tigi ri-assenjata.

Rat id-digriet tas-Sinjurija Tieghu l-Prim' Imhallef tas-16 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu assenja l-kawza lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat ir-Rapport tal-Perit Psikologu Carmen Sammut ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2013;

Rat in-numru konsiderevoli ta' rikorsi u risposti li gew prezentati fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza u d-digrieti relativi inkluz it-testimonjanzi li inghataw quddiem il-Qorti in konnessjoni mal-istesss;

Rat id-diversi rapporti li l-partijiet ghamlu mal-Pulizija;

Rat ix-xhieda tas-Social Worker Therese Micallef, li xehedet quddiem il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014;

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Keith Borg bhala Perit Legali;

Rat l-affidavit tal-konvenuta W M mahluf fit-23 ta' Mejju 2014;

Rat ix-xhieda tal-Avukat Dottor Robert Abela, WPC 170, W M , l-konvenuta, Dr Elizabeth Quintano, Dottor Stephen West, Anna Maria Debattista, Antoinette M, Mariucca Fenech, Jacqueline Vanher, Robert Massa, l-attur D L, Mariella Palmieri u Godwin Debattista li xehedu quddiem il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014;

Rat l-affidavit tal-atturipprezentat fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2014 mizmima mill-Perit Legali;

Rat l-affidavit ta' Godwin Debattista, Anna Maria Debattista u Antoinette M pprezentati fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014 mizmuma mill-Perit Legali;

Rat ix-xhieda tal-Marixxal Louis Muscat, Naomi Mizzi,l-attur D L in kontro ezami, Dr Christopher Sciberras u l-konvenuta W M li xehedu quddiem il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014;

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta pprezentata fl-10 ta' Ottubru 2014;

Rat ix-xhieda ta' WPS 110 Maria Scicluna, George Mercieca u il-konvenuta W M li xehedu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2014;

Semghat lill-minuri P *in camera*;

Rat in-nota ta' sottomissjoniijiet tal-attur ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2014;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fil-15 ta' jannar 2015;

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fil-11 ta' Frar 2015;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta W M pprezentata fit-30 ta' April 2015;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Keith Borg, mahluf fit-13 ta' Lulju 2015

Rat il-lista ta' domandi tal-konvenuta ghall-eskussjoni tal-Perit Legali pprezentati fl-20 ta' Ottubru 2015;

Rat ir-risposti tal-Perit Legali li xehed in eskussjoni fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015, meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.;

**IL-PROVI.**

**VERZJONI TAL-ATTUR.**

L-attur xehed fis-seduta tal-10 ta' April 2014, Fol 173, limitatament dwar ir-rikors tal-konvenuta tas-7 ta' Frar 2013.

B'digriet moghti fl-istess seduta il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-konvenuta, billi tramite l-avukati l-attur impenja ruhhu li jhallas tlett kwarti (3/4) mill-ispejjez tat-trasport tal-minuri, indikati fid-Dok CB2 u CB5, u ghall-futur impenja ruhhu li jhallas sehemu mill-ispejjez tat-trasport fi zmien jumejn mill-prezentata tar-ricevuti relattivi. B' ittra tal-21 ta' Gunju 2013, Fol 215, l-konsulent legali tal-attur informa lill-konsulenti tal-konvenuta li l-pagament li sar minnu fis-6 ta' Gunju 2013 ghall-Euro 222 kien jeccedi l-ammont realment dovut ta' Euro 187.50 bl-ammont ta' Euro 34.50.

L-attur rega xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2013, meta esebixxa ritratti ta' attivitajiet tieghu ma uliedu. Hu rrileva li l-minuri S kellu diffikoltajiet ta' komunikazzjoni, billi skond hu ommu kienet thallieh hin twil quddiem it-television. Hu rrikorra ghall-intervent ta' *speech therapists*, ippresenta evidenza dokumentarja, nghata parir li t-tifel kellu jigi assistit minn Learning Support Assistant, u a spejjez tieghu rregistra t-tifel fi skola li tipprovdi dan is-servizz.

Hu kien assuma r-responsabbilita' li jwassal lit-tfal ghad-diversi attivitajiet li kienu jaghmlu, anke billi l-omm ma kienitx tista' twassalhom. Hu ma oggezzjonax li l-omm jkollha access frekwenti mal-ulied purche' li tiehu hsiebhom hi meta jkunu maghha, u li ma jigux esposti ghan-negozju tal-partner tal-omm, dak tal-kaxxi tal-loghob. Hu ssemmi id-diversi incidenti li kienu jinqalghu waqt il-*handing over* tat-tfal, ikkontesta li kien jixtrilhom ir-rigali biex jkunu jridu joqghodu mieghu, anzi ddikjara li l-omm kienet dejjem twedhom ir-rigali biex jmorru maghha. Hu cahad li qatt wera xi atti tal-kawza lit-tifla P, kellimha biss fuq dak li gie allegat fuqha f'xi affidavits pprezentati mill-konvenuta, dwar l-indafa personali taghha. Jichad li ppreparha biex tixhed f'dawn il-proceduri.
Hu iddikjara li fil-flat f'tas-Sliema it-tfal kellhom kamra tas-sodda kull wiehed, qatt ma espona lill-uliedu ghall-indecenzi, bhal ma allega li taghmel l-omm, u jikkorregi lill-uliedu meta jkun il-kas. Il-minuri S jirreagixxi ghad-dixxiplina billi jghidlu li jinforma lil ommu.

Meta xehed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2014, Fol 1274, l-attur esebixxa l-*income tax returns* tieghu ghas-snin bazi 2011, 2012 u 2013,ddikjara li t-taxxa kien ghadu ma hallasiex, u li d-dhul tieghu bhala direttur taz-zewg kumpaniji hu ta' Euro 1250 gross fix-xahar. Il-bolla tas-Sigurta' Socjali ilu ma jhallasha minn 1995. Jghid li s-socjeta' Topcar Limited hi *in dissolution*. L-ammont ta' Euro 1,300 indikat fil-fol 3 tad-

dokument market Dok SCX3 tirrappresenta parti mill-ispejjez tal-iskola tal-minuri S. Ir-riferenza ghall-propjeta’ immobiljari fol 6 tal-istess document tirreferi ghall-qlieh li ghamel mill-bejgh tal-propjeta’ meta biegh id-drittijiet tieghu li kien akkwista fuq il-konvenju.

L-attur ikkonferma li ghandu flat Ghawdex, ‘Ta ‘ Beptinas’ is-Santwarju Puniku, Santa Lucia Ghawdex, ghandu *three bedroomed flat* tas-Sliema li fuqu ghandu madwar Euro 50,000 dejn mal-izviluppatur, ghandu wkoll maisonette fis-Swieqi b’garage adjacenit, li hu mikri lill-terzi bil-kera ta’ Euro 350 fix-xahar.

L-attur isuq diversi vetturi, billi dak hu il-generu tan-negozju tieghu fosthom, Peugeot Partner, BMW 3 Series, Hyundai Atos, Kia Picanto, jew Chevrolet Matiz jew xi karozza li  tkun il-garaxx ghat-tiswija u johrog jipprovha. Kien hemm okkazjoni meta darba wassal lit-tifel bil-BMW X6 li kien gab mill-Ingilterra ghal xi klijent. Jaghmel dan ix-xoghol ukoll billi fih il-qliegh, peress li ghandu problemi finanzjarji. Ghandu wkoll dghajsa Fairline Targa ta’ 43 pied, li kien xtara minn Spanja sitt snin qabel bil-prezz ta’ Euro 200,000. Din tinzam fil-Marina tal-Msida u jhallas il-pontoon, dak tas-sena 2014 ghadu ma hallsux u obbliga ruhhu li jippresenta d-dokumenti kollha dwar spejjez ta rmigg u assikurazzjoni tad-daghjsa.

L-attur kompla jixhed fis-seduta tas-26 ta’ Mejju 2014, ikkonferma li l-flat ta’ Ghawdex xtrah fit-30 ta’ Marzu 2010, pero’ kien ilu ghandu minn xi hames snin qabel meta sar  l-konvenju. Il-prezz thallas in parti cash u in parti tpartit ta’ karozzi, l-attur ma ta’ l-ebda dettalji dwar il-prezz u l-vetturi involuti f’dan in-negozju.

L-attur qal li l-propjeta’ f’Bugibba mhiex tieghu ghalkemm hu deher fuq il-kuntratt tal-15 ta’ April 2011 bhala l-akkwirent, jghid li l-konvenuta taf li kien qed jidher ghal haddiehor. Dam jghix hemm bejn erba u sitt xhur ma’ uliedu.  Hu akkwista l-flat tas-Sliema fit-18 ta’ Lulju 2011, kien hallas Euro 30,000 li minnhom l-ammont ta’ Euro 20,000 hallashom missieru, Aurelio L. Ghandu d-dejn ukoll ma Immagine Casa mnejn xtara l-ghamara konsistenti f’bedrooms, kcina u appliances.

Ammetta li ghandu xi arretrati ta’ manteniment, u jinsisti li nonostante l-problemi finanzjarji kien kapaci jiehu hsieb it-tfal, l-edukazzjoni, il-pjanu tat-tifla u medicini jhallashom hu. Fis-sena 2013 siefer darbtejn jew tlieta, anke mat-tfal, pero’ apparti t-taxxa tad-dhul li ma hallax, qieghed lura ukoll fil-manteniment tat-tfal u fil-hlas lura tas-self.

Fl-affidavit tieghu, mahluf fil-15 ta’ Settembru 2014, Fol 1138, jikkonferma li r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta damet hdax il-sena u kellhom zewgt itfal, P u S. Il-konvenuta qabel kellhom it-tfal kienet tghix hajja ta’ lussu tonfoq hafna fuq hwejjeg ta’ kwalita’, kienu jsiefru spiss, u regolarment jieklu barra fl-aqwa restoranti. Hi qisha ma riedtx tadatta ruhha ghal-hajja differenti li it-trobbija tal-ulied timponi. L-attur jghid li l-inkwiet beda wara li twieldet P, l-konvenuta kienet issuq karozza bi tlett bibien u biex

tkun aktar komda, l-attur offrilha karozza tal-kumpanija Topcar li kienet aktar spazjuza u ghalhekk aktar adattata biex fija iggorr dak kollu li tinhtieg tarbija. Il-konvenuta qablet li jkollha vettura aktar spazzjuza, pero' insistiet li tkun f'isimha. L-attur dan ma riedx jaghmlu u jghid li minn hemm bdiet r-ribelljoni taghha billi kapriccozament bdiet tonfoq bl-addocc u abbandonat ix-xoghol tad-dar. Kien jghatiha hames mitt ewro (Euro 500) fix-xahar ghall-hajja, izda ma kienux bizzejjed. Ghamilha firmatarja ta' kont kurrenti izda wara xi zmien mill-Bank gibdulu l-attenzjoni li l-konvenuta kienet qed titrassferixxi flus minn dan il-kont ghall-kont taghha, dan naturalment kien ta' hsara kbira ghall-fiducja li l-partijiet kellhom ghal xulxin.

Wara li twieled S is-sitwazzjoni marret ghall-aghar, billi hi bdiet tqatta' hinijiet twal fuq il-computer chatting ma' rgiel ohra. Bdiet anke tittraskura lit-tfal u beda jissuspetta fiha meta ghamlet password fuq l-electronics taghha, u bdiet tohrog mal-hbieb u ddum barra sa fil-ghodu. Ir-relazzjoni taghhom spiccat meta l-attur sar jaf li fil-hrug taghha qed tiltaqa' ma rgiel ohra, mentri hu kien jibqa id-dar mat-tfal. Hu ma kienx jaqbel ma' dan l-istil ta' hajja ta' mara li kellha zewgt itfal zghar u ghalhekk fl-ahhar biddel is-serratura tad-dar fejn kienu jghixu u ghalaqha barra.

L-attur jghid li tfal iqiesu li darhom hija mieghu, jiddejjaq li ommhom tippretendi li jaghrfu lill-partner taghha bhala stepfather. L-attur jinkwieta u ma japprovax n-negozju tal-partner tal-omm li hu konness mal-kaxxi tal-loghob.

L-attur jghid li meta t-tfal ikunu mieghu hu jiddedika il-hin kollu maghhom mentri ommhom tara fejn thallihom biex tmur tiddeverti. L-attur jghid li l-konvenuta qed tippersisti b'din il-kawza semplicement biex tithallas il-manteniment, mentri l-ewwel priorita' tieghu, b'mod assolut hi t-tfal u dan a skapitu tan-negozju u d-divertiment. Offra lill-konvenuta li ma thallas l-ebda manteniment u t-tfal jghixu mieghu u hi jkollha access li jippermettielha *quality time* maghhom.

L-attur jaghmel enfasi fuq id-distakk li hemm bejn l-omm u t-tifla, P. Dwar dan isemmi zewg incidenti, wiehed meta nezzghetilha d-dubblet u hallietha bil-qalziet ta' taht fit-triq u l-iehor meta nqalet glieda bejn il-familjari fl-okkazzjoni tal-precett tat-tifla. Skond l-attur l-omm ghandha rabja kbira ghat-tifla, li ghaddiet minn esperjenzi koroh meta kien jkun hemm il-*hand over* tat-tfal fl-access.

L-Attur jikkumenta dwar l-affidavit tal-konvenuta fis-sens li l-introjtu prezsenti tieghu ma jistax jigi pparagunat ma' dak li kien jaqla' fil-passat. Fil-present ghandu paga ta' Euro 1,250 fix-xahar, minhabba d-djun il-kumpaniji tieghu ma jhallsux dividends. Ma ghandu l-ebda relazzjoni fissa, u meta hareg ma' xi hadd dejjem kien prudenti.

Il-vetturi msemmija mix-xhud Stephen Cachia, jixtrihom bhala 'wreck' jew biex jirranghom jew biex jbiegh bhala spare parts. Il-karozza li jsuq BMW 3 Series hi U. K. Import, ilha barra xi tmien snin u tinsab ghandu biex jerga jbieghha.

Hu jghid li s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu bdiet sejra lura meta kien ghadu mal-konvenuta, billi kienu jghixu hajja stravaganti, kien jiehu flus minn-negozju u ma kienx jirnexxielu jirrifondi dawn l-ammonti. Id-daghjsa xtraha bil-prezz ta' xi Euro 180,000 meta in-negozju kien sejjer tajjeb. In parti l-prezz thallas bi tpartit mad-daghajsa li kellu qabel, li kienet izghar, u jghid li kien fuq insistenza ta' W M li biddel ghal wahda akbar. Jghid li jixtieq ibieghha billi qatt ma kien jaffordjaha, u jkun jista' jtaffi l-problemi finanzjarji. Jghid li l-konvenuta ghamlitlu hafna hsara fix-xoghol tieghu billi gerxitlu xi haddiema bit-tghajjir u theddid, kif ukoll xewxet xi suppliers biex ma jinegozjawx mal-attur.

Id-dejn mal-kuntrattur Michael Galea qed jipprova jiskontah anke bi tpacija ma' xoghol.

Hu jghid li bhala prezz ghad-daghjsa mhux qed jitlob prezz fiss izda hu miftuh ghall-offertti, ma ghamilx reklami biex jbieghha. Ix-xoghol ta' *vehicle scrapping* spicca billi dan jrid issir f'sit approvat mill-MEPA, li ma ghandux ghalhekk dan ix-xoghol ma jistax jaghmlu.

Meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014, Fol 1475. L-attur ikkonferma d-dhul gross tieghu fl-ammont ta' Euro 1250 fix-xahar, li jhallas donazzjoni ta' Euro 500 fis-sena ghal kull wild billi jattendu skola tal-Knisja, li l-uniformijiet u l-kotba qed jhallashom kollha hu billi l-konvenuta mhiex qed thallas t-terz ta' dawn l-ispejjez kif ordnat mill-Qorti, darba kull hmistax il-kumpanija tieghu thallas Euro 20 ghat-tindif tar-residenza tieghu, jonfoq bejn Euro 30 u Euro 40 fix-xahar lezzjonijiet tal-pjanu, u xi Euro 6 fis-siegha ghall-lezzjonijiet tal-crafts, fejn tattendi P darba fil-gimgha ghal saghtejn.

Hu jhallas Euro 1374 fis-sena assikurazzjoni ghad-dghajsa , qatt ma biddel l-*insurance value*, dak originali kien ta' Euro230,000, pero' ma tiswiex daqshekk. Ihallas *berthing fees* Euro 571.71 kull tlett xhur, pero' ghandu *credit note* ghal Euro437 u ghalhekk ihallas biss ghad-differenza cioe' Euro134.71. Ghandu tlett ishma fil-Marina tal-Msida fil-valur ta' Euro 15,000. Mistoqsi kif jhallas dawn l-ispejjez minn salarju ta' Euro 1250 fix-xahar , irrisponda li l-*berthing fees* thallashom il-kumpanija Topcar.

Gie assoggettat ghal *audit* mill-fisku, jigi vverifikat ta' spiss il-fuel mill-Malta Resources Authority u mill-EneMalta, li hu jattribwixxi ghar-rapporti kapriccuzi maghmula mill-konvenuta. Jghid ukoll li z-ziju tal-konvenuta, Godwin Debattista, ghamel pressjoni ma' Gasan Mamo Insurance, fejn kien jahdem fil-passat, biex ma jghaddulhux aktar xoghol.

L-attur jghid li kellu relazzjoni ma' certa Josette Falzon, li torganizza fund raising activities a beneficcju ta' Cystic Fibrosis billi bintha hi affetta min din il-kondizzjoni, pero' mat-tfal dejjem gab ruhu sewwa billi meta siefru flimkien hu qaghad f'kamra ma' uliedu u hi f'kamra ohra ma' bintha. Semma ukoll lil Sharon Debono u Tiziana Cassar.

Hu jikkontendi li ma jistax jkollu relazzjoni fissa billi t-tfal huma prattikament dejjem mieghu.

L-attur jghid li kien ikollu problemi kbar meta jigi biex jghaddi t-tfal lill-ommhom, billi kienu joffru resistenza biex jmorru maghha, partikolarment, P. Hu jghid li l-konvenuta ma kienet taghmel l-ebda sforz biex tohodhom, anke ghar-raguni li kien jkollha pjanijiet ta' hrug. Hu dejjem kien jghidilhom biex jmorru ma' ommhom, ir-resistenza kienet gejja mit-tfal partikolarment, P. It-tfal kienu jirrifjutaw anke meta kienu jhegguhom il-Pulizija biex jmorru. Hu qatt ma nstab hati li rrifjuta li jaghti l-access tal-ulied lill-omm, qatt ma kien vjolenti maghha, jammetti li hemm xi arretrati ta' manteniment u spejjez tat-trasport dovuti lill-konvenuta, pero' ma jafx ezatt kemm.

Hu ppresenta numru ta' ritratti u dokumenti dwar l-attivitajiet tieghu ma uliedu, b'nota tal-10 ta' Ottubru 2014, Fol 1580.

**VERZJONI TAL-KONVENUTA.**

Il-konvenuta xehedet fis-seduta tal-10 ta' April 2013 limitatament dwar r-rikors minnha pprezentat fis-7 ta' Frar 2013 dwar l-ispejjez tat-trasport tal-minuri ghall-iskola. Hi regghet xehedet fit-3 ta' Lulju 2013 dwar r-rikorsi pendenti.

Ipprezentat affidavit mahluf fit-23 ta' Mejju 2014, Fol 575. Ikkonfermat li r-relazzjoni li kellha mal-attur damet xi hdax-il sena u kellhom zewg ulied, P u S. Wara li twieldet P rriduciet l-impieg taghha ghal wiehed 'part time', l-attur kien jiehu hsieb il-kontijiet kollha. Wara li twieled S wafqet mix-xoghol anke billi x-xoghol tal-attur kien jirrendi tajjeb tant li kien jippermettilhom hajja lussuza. Meta spiccat ir-relazzjoni sabet ruhha b'ta' fuqha senduqha, kienet kostretta issib impieg, li minnu kienet taqla' Euro 900 fix-xahar, hadet self u xtrat post. Hi tghid li qabel il-kawza ma kellhom l-ebda problema dwar l-access ghat-tfal u skond hi kien it-tixwix tal-attur li wassal ghal certu distakk mat-tfal, partikolarment ma' P; anke il-fatt li l-attur jista jikkontribwixxi aktar minnha ikkontribwixxa ghal dan id-distakk.

Ipprezentat zewg prospetti dwar l-assi ta' D L u dawk taghha, Fol 476.  Jirrizulta li l-attur huwa l-uniku direttur u l-uniku azzjonista fis-socjetajiet kummercjali Topcar Limited (C16503) u Topcar Servicies Limited (C36082) Fol 479.  L_attur iggarantixxa b'ipoteka generali, solidalment ma' Topcar Limited, mutwu moghti mill-Lombard Bank Malta plc lill-kumpanija Topcar Limited fit-30 ta' Awissu 2005 fl-ammont ta' £M5,000.  L-attur iggarantixxa b'ipoteka generali, solidalment ma' Topcar Limited, overdraft moghti mil-Lombard Bank Malta plc lil Topcar Limited b'kuntratt tat-30 ta' Awissu 2005, sa massimu ta' £M31,700.  L-attur hu propjetarju tal-maisonette B numru B2 Regency Court, Triq is-Santwarju Puniku, Santa Lucia, Kercem Ghawdex, (kuntratt tat-30 ta' Marzu 2010), flimkien ma' zewg *parking spaces* akkwistati bil-prezz ta' Euro55,904.50.  L-attur hu wkoll propjetarju tal-flat fir-raba' livell 'Nineteenth March' Triq it-Turisti, Bugibba, (kuntratt tal-15 ta' April 2011) akkwistat bil-prezz ta' Euro

58,234.34 kif ukoll ta' appartament fi Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema akkwistat bil-prezz ta' Euro 58,234.34.

Skond il-konvenuta l-attur jiggestixxi pompa tal-petrol, u *car wash* fl-Arjuport Internazzjonali ta' Malta kif ukoll hu sid ta' immobbli fis-Swieqi u fil-Mellieha,
Xehdet li l-attur hu s-sid ta' dghajsa ta' 43 pied li nxtrat bil-prezz ta' Euro 230,00, is-sid ta' zewg vetturi lussuzi u li ghandu passiv ta' Euro33,439.12 self moghti mill-HSBC Bank (Malta) plc. Taghmel referenza ukoll ghal-ispejjez relatati mas-safar bid-dajghsa, spejjez ta' berthing, dividends u ghad-dhul mill-attivita' kummercjali tieghu fl-Airport, u ghad-depoziti li ghamel fil-Banek fit-2009 u 2010, Fol 554.

Il-konvenuta xehdet illi d-dhul taghha hu ta' Euro944.40 gross fix-xahar; isselfet minn ghand il-Bank of Valletta plc l-ammont ta' Euro63,000 biex xtrat l-appartament 73, Triq Tumas Galea, Ta' Paris, Birkirkara, thallas pagamenti mensili ta' Euro192, kif ukoll thallas l-ammont ta' Euro200 fix-xahar pagamenti akkont tal-ghamara li xtrat. L-ammont minnha mhallas fuq il-kuntratt ta' Euro21,500 jinkludi l-ammont ta' Euro10,000 li selfitha ommha, u l-ammont ta' Euro11,500 rikavat mill-bejgh tal-vettura taghha.

Il-konvenuta xehdet fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 dwar l-incidenti tal-25 ta' Gunju 2014.

Regghet xehedet fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014. Hi kkonfermat li meta t-tfal immisshom il-gimgha access mal-attur, dejjem mar ghalihom, johodhom *summer school* u ghawm. Ikkonfermat id-diffikoltajiet li kellhom meta P ma tkunx trid titlaq lill-missierha, u l-problemi li kellha billi minhabba l-impieg taghha ma kienitx tlahhaq mal-attivitajiet extra kurrikolari tat-tfal. Hi kkonfermat li l-appartament li xtrat jinsab vicin il-garaxx tal-partner taghha fejn jzomm l-amusement machines, tinsisti li l-minuri S qatt ma dahal f'dan il-garaxx. Tghid li fl-appartament taghha t-tfal ser jkollhom karma tas-sodda ghalihom it-tnejn. Filghaxijiet tohrog kemm mal-partner kif ukoll mal-hbieb.

Il-konvenuta semmiet zewg incidenti, wiehed meta t-tifla ftehmet minn wara darha ma' missierha u l-iehor meta t-tifla harbet minn ghandha. Semmiet l-incident meta l-attur ha lit-tifla mill-vettura taghha meta hi dahlet l-Ghassa iggib xi karta. Irrakkontat l-incident tal-libsa tal-precett tat-tifla u meta hdejn il-Eurosport nehhitilha d-dubblet ghax riedet tibqa' ma missierha u mhux tmur maghha, billi kient liebsa dubblet li xtratilha hi. Ikkonfermat li ma kienitx xi drabi, tatiha l-uniformi biex iggeghlha tmur lura ghandha wara l-access tal-missier minflok tibqa ghand missierha.

Dwar id-dghajsa kkonfermat li kienet presenti f' Palma de Mallorca meta l-attur hallas il-prezz ta' Euro230,000. Skont hi Euro20,000 kienu tat-tpartit, il-kumplament thallas in parti fi flus kontanti u in parti permezz ta' bank transfer.

Ikkonfermat li tircevi ic-children's allowance ghaz-zewgt itfal. Qalet li l-attur kien izomm lit-tifla infurmata dwar il-proceduri fil-Qorti. Kienu jinqalghu l-problemi waqt il-*handing over* tat-tfal, meta il-kontendenti jkunu presenti, meta ma jiltaqghux ma kienx jkun hemm problem. L-attitudni tat-tifla wara ftit sieghat maghha kienet tinbidel ghall-ahjar.

Fl-affidavit taghha mahluf fid-29 ta' Settembru 2014 hi kkontestat dak dikjarat mill-attur li meta kienu ghadhom flimkien ma kienitx tnaddaf id-dar. Ikkontestat ukoll ix-xhieda tal-attur meta qal li fiz-zmien li t-tfal kienu kienu zaghar kien jiehu hsiebhom hu billi skond il-konvenuta l-attur kien prattikament il-hin kollu fuq ix-xoghol. Hi tichad li hi xi bniedma xjalatura kif pingiha l-attur.

Tghid li ma kellhomx problemi dwar l-access fil-bidu, dawn bdew meta saru il-proceduri fil-Qorti. Kien sar impossibbli ghalihom li jiftehemu, hi tghid li f'dan iz-zmien l-attur beda jxewwex lil P kontriha. Kien inholoq distakk bejn dak li kien jipprovdilhom hu u dak li setghet tipprovdi hi.

Fl-ahhar sentejn l-attur kellu tlett *partners* li introducihom lit-tfal mentri hi tghid li kellha *partner* wiehed biss. Tikkontendi li l-attivita' tal-partner taghha mhiex kaxxi tal-loghob kif jallega l-attur izda *amusement machines* li jinsabu kullimkien. Tinsisti li l-attur mhux xi bniedem fallut, in fatti hu baqa' jzomm l-istess *lifestyle* li kellhom meta kienu flimkien. Tilmenta mill-fatt li l-anqas talab l-approvazzjoni taghha meta biddel l-iskola ta' S, u kitbu fi skola tal-Knisja. Hi togezzjona anke minhabba l-aspett finanzjarju.

Tikkontesta l-allegazzjoni tal-attur li hi riedet il-liberta', kieku ma kienitx toqghod tikkontesta , tilmenta mill-fatt li skond il-konvenuta l-attur jisfida l-ordnijiet tal-Qorti u dwar l-indafa tat-tfal toggezzjona li jhallihom jigru wahedhom fil-vicinanzi tal-pompa tal-petrol. Hi esebit numru ta' rapporti li ghamlet mal-Pulizija dwar access, manteniment u vjolenza domestika.

Il-konvenuta xehedet ukoll fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014 u kkonfermat li c-Children's Allowance li kienet tammonta ghal erba' mitt ewro (€400) kull tlett xhur ghaz-zewg ulied tircevihom hi u ma taghti xejn minnhom lill-attur. Ikkonfermat li f'Mejju 2013 akkwistat l-appartament, furnished, f'Ta' Paris, Birkirkara bil-prezz ta' Euro71,500.

Meta xehedet fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, l-konvenuta ddikjarat li fl-ahhar sentejn siefret darbtejn l-Ingilterra mal-partner taghha li mar fuq xoghol u hi ma hallset xejn. Ikkonfermat li l-partner ukoll ghandu dghajsa daqs tal-attur. Hi ddikjarat li ma tafx kemm tonfoq fuq it-tfal kull xahar pero' dak li tircevi mill-attur mhux sufficjenti. Hi issostni li l-flat ta' Bugibba hu propjeta' tal-attur kif jirrizulta mir-ricerki. Dwar il-manteniment iddikjarat li ma tithallax b'mod regolariu tithallas wara li tipprocedi kriminalment bil-kwereli kontra l-attur. L-ispejjez tat-trasport thallashom hi peress li l-

attur ilu ma jhallas. L-ispejjez tat-trasport ta' P huma Euro141 kull tlett xhur u lit-tifel twasslu hi. L-konvenuta tallega li hu l-attur li baqa' jghix hajja stravaganti u skond il-konvenuta dan hu kkonfermat mis-safar u mill-electronics li jixtri.

Fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2014 l-konvenuta ddikjarat li kien hemm arretrati fil-manteniment fl-ammont ta' Euro2,100 minn Jannar 2014 sa Gunju 2014, kif ukoll arretrati ta' spejjez ta' transport. Presentement, billi qed tabita fir-residenza taghha, ghamlet l-arrangjamenti biex it-tfal twassalhom u tigborhom hi mill-iskola. Tilmenta mill-fatt li ma tigiex konsultata mill-attur dwar l-edukazzjoni tat-tfal, u dwar is-safar tilmenta li l-attur siefer bit-tfal minghajr ma qalilha.

Iddikjarat li d-dhul net taghha fix-xahar hu ta' Euro845, minn dan trid thallas Euro392 fix-xahar kontra l-loan tal-appartament u l-ghamara, li xtrat minn ghand il-kumpanija li timpjegaha. Karrozza tuza taz-zija taghha. Tikkalkola li tonfoq bejn Euro120 u Euro140 fil-gimgha ghall-ghajxien tat-tfal, dan apparti spejjez edukattivi.

Il-hinijiet tax-xoghol taghha huma Nhar ta' Tnejn mid-9am sas-1pm, u l-granet l-ohra tal-gimgha mid-9am sas-1 pm u mit-3 pm sas-7 pm. Fil-break ta' bejn is-1pm u t-3 pm tkun mat-tfal, tghinhom fil-homework, u meta ma tilhaqx jkompluh ma 'ommha. Fil-hin liberu tohodhom ic-cinema u l-bahar.  Dwar l-incidenti hdejn l-Ghassa tal-Pulizija meta jiskambjaw it-tfal, ddikjarat li hi ma rieditx tenforza d-digriet u tohodhom b'forza, u spjegat illi meta t-tifla tirrifjuta li tmur ghall-access il-missier kien jibqa passiv fil-karozza, billi ghalih t-tifla tmur ghand ommha jekk trid biss.

Il-konvenuta  regghet xehedet fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2014, fejn ikkumentat dwar id-diversi ritratti u dokumenti annessi man-nota guamentata taghha tal-10 ta' Ottubru 2014. Tikkumenta dwar ir-ritratti li juru in-negozju tal-attur b'konferma li mhux minnu dak li qal l-attur li x-xoghol naqas jew sejjer hazin. Xehdet li kull xahar l-ispejjez relatati mat-trobbija tat-tfal jammontaw ghal elf, hames mija u tlieta u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,593.74).

Hi ddikjarat li barra l-impieg taghha ma ghandha l-ebda dhul iehor, li ma tiflahx l-ispejjez ta' skola privata, u li spiss tkun kostretta tistaqsi ghall-ghajnuna tal-familjari u l-partner taghha

Taqbel li l-ispejjez kollha tal-minuri S, li jattendi l-iskola St Benild's, ta kotba, uniformijiet u stationery hallashom l-attur.

Dwar l-access ta' gimgha b'gimgha, l-konvenuta ddikjarat li fix-xitwa ma kienx hemm problemi, pero' fis-sajf kellhom problemi billi P thobb tqatta' hin fuq id-dghajsa tal-attur.

L-Avukat Dottor Robert Abela xehed quddiem il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2014. Hu spjega li kien ilu jaf lill-kontendenti u cahad li qatt kellem lil uliedhom fl-ufficju tieghu.

Ikkonferma li n-negozju tal-attur kiber b'mod konsiderevoli, u beda jonqos meta hu beda jikkoncentra fuq il-kura ta' uliedu. Semma l-episodju spjacevoli li kellu maz-ziju tal-konvenuta, meta l-Avukati fuq direttiva tal-Qorti marru flimkien ghall-minuri P, li kienet fil-hanut tieghu fil-Belt Valletta. Hu ddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jaghti dettalji dwar l-attivita' kummercjali tal-attur, kemm fil-vesti tieghu personali kif ukoll dawk socjetarji.

Hu kkonferma li l-ispejjez biex bid-dghajsa l-attur jmur Sqallija huma ta' Euro400, u ghall-harga lokali l-ispejjez huma ta' xi Euro100. Dwar il-konvenuta ddikjara li kien jifhem u japprezza s-sitwazzjoni partikolari li sabet ruhha fija meta r-relazzjoni taghha mal-attur spiccat.

WPC170 Marlene Vella, li xehedet quddiem il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2014, ezebiet hamsa u hamsin (55) rapport, li saru mill-partijiet fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara.

It-tabib Dottor Stephen West, li xehed quddiem il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 2014 ikkonferma li gieli ra lill-minorenni, u li S kellu problema ta' komunikazzjoni tant li kien irreferih lil Rita Micallef, manager tal-ispeech. Ghalkemm ma segwiex il-kas izjed, jaf li l-minuri immiljora minn vista recenti li kellu mieghu.

Anna Maria Debattista, iz-zija tal-konvenuta, fl-affidavit mahluf taghha fis-17 ta' Settembru 2014 stqarret illi l-problemi fir-relazzjoni tal-partijiet bdew meta l-konvenuta sabet messagg minn ghand mara ohra fuq il-mobile tal-attur. Tghid li l-konvenuta kienet semmitilha l-incident meta l-attur hadilha l-karozza u refa' idejh fuqha quddiem it-tfal u ma baqax jaghtiha flus u biddel is-serratura tad-dar fejn kienu jghixu flimkien. Semmiet illi l-minuri P, meta tigi ghand ommha tigi b'hafna antagonizmu, izda wara ftit tikkalma. x-xhud staqsietha tridx toqghod ma' missierha u ma tarax lill-familjari ta' ommha, rrispondiet fin-negattiv, u tatha x'tifhem li l-atteggjament ribelluz taghha kien temporanju. Iddikjarat, in oltre, li meta l-minuri tigi minn ghand missierha ma jkollhiex hwejjeg indaf u l-anqas xagharha ma jkun nadif.

Antionette M, omm il-konvenuta, xehdet b'affidavit mahluf fis-17 ta' Settembru 2014. Kkonfermat li fil-bidu il-partijiet kienu jghixu hajja ta' lussu, u l-inkwiet nqala' meta twieled S. Hi ddikjarat li l-attur nsista mal-konvenuta biex tbiegh il-karozza taghha, biex bir-rikavat jiffinanzja l-akkwist ta' vettura registrata fuq il-kumpanija u in oltre kien hemm l-incident tal-messagg fuq il-mobile tal-attur, li fil-konvenuta holoq suspett ta' infedelta' da parti tal-attur. Skond ix-xhued l-attur beda ma jaghthiex flus lill-konvenuta tant li hi bdiet tghinha finanzjarament. Tghid li kien hemm ukoll incident fejn l-attur kien vjolenti mal-konvenuta tant li marret l-Ghassa u ghamlitlu rapport
Tiddeskrivi ukoll l-incident meta l-attur biddel is-serratura u temm ir-relazzjoni tal-partijiet. Skond hi l-inkwiet li kien jinqala' waqt il-*hand over* tat-tfal kien konsegwenza tal-atteggjament tal-attur, li dejjem ghamel li ried hu dwar it-tfal billi kien jiehu d-decizjonijiet minghajr ma jikkonsulta mal-konvenuta. Lill-minuri P l-attur jittrattha

bhala persuna adulta u dan qed jkollu effett hazin fuqha. Tilmenta ukoll minn nuqqas ta' ndafa ta' P meta din tigi ghand ommha minn ghand missierha.

Mariucca Fenech, Acting Head St Joseph Junior School, Sliema, li xehedet quddiem il-Qorti fis-seduta tat-3 ta'Ottubru 2014 ikkonfermat li P tattendi l-iskola regolarment, li qatt ma ratha mahmuga, u li dejjem ikollha l-lunch. Hi tifla matura, il-komportament taghha hu wiehed korrett u anke l-andament akkademiku taghha hu tajjeb. L-okkazzjonijiet li kienet bla uniformi kienu l-eccezzjoni mhux ir-regola. Kien hemm okkazzjoni meta t-tifla ma rieditx tmur m'a ommha u xtaqhet tibqa' ma missierha. Il-mizati tal-iskola dejjem thallsu. Hu l-missier li jzomm il-kuntatt mal-iskola billi meta t-tifla tkun mieghu jigi ghaliha hu, mentri meta tkun ma' ommha tmur bit-trasport. L-omm pero' dejjem tkun avvzata bl-attivitajiet tal-iskola.

Jacqueline Vanher, Direttrici fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, xehedet fit-3 ta' Ottubru 2014. Spjegat li tafhom lit-tfal billi hi tikkoordina club fis-sajf fl-iskola St Joseph, Rahal il-Gdid, u ulied il-partijiet attendew ghall-sentejn. Kien johodhom, jigborhom u jhallsilhom missierhom. Tiddeskrivi t-tfal bhala ferrieha u jippartecipaw f'kull attivita'. Lit-tfal qatt ma rathom mahmugin u tiddeskrivi lill-attur bhala missier ideali. Ikkonfermat ukoll li anke l-konvenuta attendiet ghal xi attivita' organizzata mill-club. Gieli hadet il-petrol mill-pompa tal-Airport, lil missier gieli ratu hemm u lill-minorenni rathom darba hemmhekk.

Mariella Palmieri, oht l-attur xehedet fit-3 ta' Ottubru 2014. Hi tghallem fil-kindergarten fl-Iskola Primarja ta' Marsascala. Spjegat illi kienet ippruvat tirrikoncilja l-partijiet meta nqala' l-inkwiet bejniethom. Xehdet illi l-attur nbidel biex jiehu hsieb uliedu, ghalkemm kkonfermat ukoll li l-konvenuta kienet dejjem korretta fit-trobbija tat-tfal meta kienu ghadhom jikkoabitaw. L-aghar incident kien fl-okkazzjoni tal-pracett ta' P meta il-familji tal-partijiet gew fl-idejn. Hi kkonfermat li P baqghet impressjonata b'dan l-incident u tghid li iz-ziju Godwin kien jghajjat maghha, u li taha xebba b'cinturin. Dawn kienu esperjenzi trawmatici fuq P tant li darba harbet u marret tfittex il-kugin taghha, bin ix-xhud, gewwa il-Eurosport fejn kien jahdem.

Godwin Debattista, iz-ziju tal-konvenuta fl-affidavit tieghu mahluf fit-18 ta' Settembru 2014 ikkonferma li fil-bidu l-partijiet kienu jghixu hajja lussuza, izda meta r-relazzjoni taghhom spiccat dahal hafna atrit anke bejn il-familji rispettivi. Hu gieli kien jakkompanja lill-konvenuta ghal handover tat-tfal u l-attur kien jkun aggressiv anke quddiem il-Pulizija. Darba l-attur saq ghal fuq il-konvenuta, u kien webbel lill-minuri b'xi haga biex din ma tkunx trid tmur ghand ommha. L-attur kien jkun aggressiv u offensiv mal-konvenuta u l-familja taghha. Semma ukoll l-incident bejn iz-zewg familji li nqala' fic-cerimonja tal-precett ta' P.

Jghid ukoll li meta kienu jigu minn ghand missierhom it-tfal kienu jkunu mahmugin u liebsin hazin. Hu kkumenta fit-tul dwar c-cirkostanza partikolari meta l-minuri P

xehedet il-Qorti, u li ma riedx jitlaq lill-minuri minn idejh u lill-Avukat Robert Abela qallu li kien qed jipprova jkisser familja.

Il-Perit Legali sema ix-xhieda ta’ James Hili ghall-Idea Casa Company Limited, fejn tahdem il-konvenuta bhala *sales reprezentative*. Il-konvenuta bdiet tahdem part time fid-9 ta’ Lulju 2012 u fl-1 ta’ Novembru 2012 qalbet full time. Tahdem 40 siegha fil-gimgha generalment mid-9.15 am sas-1 pm u mit-3pm sas-7 pm. Is-sibt tahdem mid-9.15 am sas-1pm. Is-salarju taghha hu ta’Euro236.10 fil-gimgha gross. Ghandha nofs ta’ nhar off fil-gimgha, u tista taghzel il-gurnata hi.

Xehedu wkoll rappresentanti tal-banek, Audrey Ghigo ghal HSBC Bank (Malta) plc, Romuald Attard ghal Bank of Valletta plc, u Jeanette Lepre ghal Lombard Bank plc li xehedu dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet.

**RAPPORT PSIKOLOGIKU.**

Il-Psikologa Carmen Sammut ipprezentat ir-rapport taghha fid-29 ta’ Mejju 2013. Hi ddikjarat li tinkwieta bil-fatt li tifla ta’ 8 snin kienet qed tithalla tiehu post ommha fir-relazzjoni ma’ missierha u dan anke fis-sodda tal-irqad. Iz-zewg genituri jafu li hu essenzjali ghall-ulied li jkollhom relazzjoni tajba maghhom, izda certi cirkostanzi partikolari fosthom dawk ta’ hin u spazju jipprekluduhom milli jaghmlu dan. Hu essenzjali li huma t-tnejn jikkoperaw bi shih ghall-gid ta’ uliedhom. Il-hinijiet tax-xoghol tal-konvenuta jincidu direttament fuq il-fatt li l-hin ghaliha disponibbli biex tista’ toqghod ma’ uliedha hu limitat.

Il-psikologa klinika nsistiet li l-genituri ghandhom jghinu lill xulxin fir-rwol taghhom ta’ genituri, u ghandhom jaghmlu differenza bejn il-bzonnijiet taghhom u dawk ta’ uliedhom. Hi rrakkomandat il-hatra ta’ social worker biex taghmel assessment fuq it-tfal, cioe’ jekk s-sitwazzjoni presenti kienitx tirrikjedi modifiki jew le, fl-ahjar interess taghhom. Kull decizjoni li tittiehed dwar il-minuri ghandha tkun temporanja, biex wiehed jkun jista’ jirrevedi s-sitwazzjoni, partikolarment meta jkun hemm bdil fic-cirkostanzi. Fl-opinjoni taghha, r-responsabiltajiet li qed tinghata P qed jkollhom effett negattiv fuqha, hemm bzonn li z-zewg genituri jassumu r-rwol taghhom ta’ genituri, billi t-tifla ghandha bzonn minn jiehu hsiebha u jara x’ghandha bzonn, u mhux tiddecidi hi jekk ghandhiex tmur ghand ommha jew le.

**RAPPORT SOCJALI**

Il-Haddiema Socjali Therese Micallef pprezentat ir-rapport taghha fl-20 ta’ jannar 2014. Hi kkonfermat li dak iz-zmien meta t-tfal kien jkunu mal-omm, li kienet qed tghix f’appartament mal-genituri taghha u ohtha, P kienet torqod ma’ oht  il-konvenuta,

u S kien jorqod ma' ommu ghand iz-zija taghha, li kienet toqghod bieb ma' bieb maghhom.

Dan hu illum superat billi l-konvenuta xtrat appartament f'Birkirkara, li ghandu zewg kmamar tas-sodda u l-ulied jorqdu f'sodod separati fl-istess kamra. Fl-appartament tal-missier it-tfal ghandhom kamra tas-sodda kull wiehed u wahda. Meta Ms Micallef iltaqghet mal-minuri deherilha li mal-omm kienu agitati mentri meta kelmithom mal-missier deheru komdi. Fl-appartament ta' missierhom deheru aktar at home.

Hi rrakkomandat li l-minuri ghandu jkollhom *quality time* maz-zewg genituriu li l-genituri jieqfu jimpikaw ma xulxin biex jippruvaw jigbdu l-minuri lejhom;
Il-handover tal-minuri mill-missier ghall-omm ma jridx jkun trawmatiku ghat-tfal, dan jiddependi mill-komportament tal-genituri.

Meta xehedet quddiem il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Frar 2014 il-haddiemaa socjali emfasizzat il-fatt li t-tfal ghandhom bzonn *quality time* maz-zewg genituri, u li dak li gara waqt il-handing over kien trawmatiku ghat-tfal u kien il-kawza ta' hafna ansjeta'. Qalet hekk;

" Ma urewx partikolarment li qed jiddejqu jaghmlu gimgha gimgha. Opinjoni tieghi li l-ahjar it-tfal jkollhom bazi permanenti pero' fil-verita' ghandhom bazi ghand l-omm u ghandhom bazi ghand il-missier. Li jibqghu gimgha gimgha ghandi r-rizervi tieghi imma the children were fine." Aktar tard x-xhud ikkumentat li f'dan il-kas partikolari dan l-arrangjament hadem, ' if it works for this case it works', b'dan l-arrangjament l-genituri jkollhom l-opportunita' ta' *quality time* mat-tfal.

**Digrieti Pendente Lite.**

Inghataw diversi digrieti 'pendente lite' li huma elenkati a fol 5 u 6 tar-relazzjoni tal-perit legali, (Fol 1915 u 1916). Ser issir referenza f'dan l-istadju ghas-segwenti digrieti:-

Digriet tat-8 ta' Jannar 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti ta' rikors generali numru 419/2011 ordnat lill-attur odjern ihallas lill-konvenuta Euro470 kull erba gimghat manteniment ghat-trobbija tat-tfal. Spejjez edukattivi jithallsu mill-attur, dawk medici ta' natura straordinarja jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Digriet tas-6 ta' Frar 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tar-rikors generali fuq imsemmi rrevediet il-manteniment ghall-Euro350 kull erba gimghat, Children's Allowance tircevihom l-konvenuta, u spejjez edukattivi jithalsu ¾ mill-attur u ¼ mill-konvenuta.

Digriet tal-5 ta' Lulju 2012 minn din il-Qorti kif presjeduta ordnat li l-kura u kustodja tat-tfal tkun kongunta b'dan li jirrisjedu mal-konvenuta. L-attur ikollu access nhar ta'

Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-4pm u it-8 pm u alternattivament mill-Gimgha fl-4pm sas-Sibt fit-8pm u mis-Sibt fl-4pm sal-hadd fit-8pm.

Digriet tal-24 ta' Awissu 2012. IL-Qorti ordnat li l-attur ikollu access ghall-ulied mit-Tnejn sal-Gimgha mit-3pm sas-7pm u alternattivament mill-Gimgha fit-3pm sas-Sibt fis-7pm u mis-Sibt fit-3pm sal-Hadd fis-7pm.

Digriet tal-24 ta' Novembru 2012. Il-Qorti ordnat li l-attur ihallas ¾ tal-ispejjez tat-trasport taz-zewg minuri.

Digriet tal-14 ta' Awisssu 2013. Il-Qorti ordnat li sakemm il-minuri qedghin bil-vakanzi tas-sajf jirrisjedu gimgha ghand il-missier u gimgha ghand l-omm.

Digriet tas-7 ta' Marzu 2014. Il-Qorti ordnat li pendent lite l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongiunta, u l-minorenni jirrisjedu gimgha ghand ommhom u gimgha ghand missierhom.

Digriet tal-10 ta' Lulju 2014. Il-Qorti ssospendiet il-hlas tal-manteniment li l-attur kien gie ordnat ihallas lill-konvenuta u zammet fermi l-ordnijiet l-ohra dwar hlasijiet addizzjonali. Ordnat li l-ebda genitur ma seta jsiefer bil-minuri jekk xahar qabel ma javzax lill-parti l-ohra bil-miktub. Ordnat lill-D L jikkonsenja il-passaport tal-minuri S lill-konvenuta.

Ikkunsidrat;

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, Fol.1837 et seq. jissottometti li t-tfal ghandhom jirrisjedu mal-missier filwaqt li l-omm ikollha access ghalihom, billi t-tfal ghall-missier huma l-ewwel priorita' mentri ghall-omm m'humiex, u l-missier 'ghandu inklinazzjoni naturali ta' kif imur mat-tfal' li l-omm m'ghandhiex. Skond l-attur, il-konvenuta ma tafx tamministra flusha u ma tridx tipprijoritizza. Il-figuri (Euro1593.74 fix-xahar,) minnha indikati bhala spejjez necessarji ghat-trobbija tat-tfal huma, skond l-attur manifestament esagerati.

L-attur jilmenta mill-fatt li l-konvenuta xtrat l-appartament taghha li jinsab vicin l-istabiliment tal-partner fejn jiggestixxi n-negozju tal-kaxxi tal-loghob. Jilmenta mill-fatt li l-partner jista' jkun ta' influenza hazina fuq it-tfal. Jissottometti li t-tfal jinhtiegu stabilita' u post li jsejjhulu 'home', il-bejta taghhom. Hu ghalhekk jitlob li l-kura u kustodja tat-tfal tigi fdata lilu, li l-minuri jirrisjedu mieghu, li l-omm ikollha access fost il-gimgha u fil-weekend, u li meta jkunu maghha ma titlaqhomx wahehom jew mal-familjari taghha.

Hu ddikjara li ma kienx ser jinsisti fuq manteniment mill-konvenuta, pero' jidhirlu li ghandha tikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tat-tfal. Jghid li ressaq

provi li juru li hu bniedem matur u responabbli, biddel il-hinijiet tax-xoghol tieghu fl-ahjar interess tat-tfal u jista jipprovdi stabilita’, il-bazi u l-bejta ghat-tfal.

L-konvenuta, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, Fol.1868 et seq. tissottometti li s-separazzjoni tal-partijiet kellha effetti trawmatici fuq it-tfal partikolarment P, billi hi akbar fl-eta’ u tiftakar kemm kienet differenti hajjithom meta il-genituri kienu ghadhom jghixu flimkien. Il-konvenuta telenka 23 okkazzjonijiet fejn l-attur naqas li jaghti access lill-omm bejn it-2 ta’ Ottubru 2012 u l-20 ta’ Awissu 2014, skond id-digrieti vigenti. Tilmenta mill-fatt li f’decizjonijiet importanti, bhal skola tas-sajf, attivitajiet extra kurrikurali u safar l-attur ma kienx jinvolviha u jiddecidi hu unilateralment. Tirreferi ghall-agir tal-attur li lit-tifla jghabbiha b’certa responsabilita’ li kien ta’ hsara ghaliha, kif konfermat mill-esperti nominat mill-Qorti. Il-konvenuta issemmi diversi relazzjonijiet tal-konvenut, u hbiberiji specjali u ssemmi b’isimhom hames nisa. Tiddikjara li skond l-esperti ix-xewqat dikjarati mill-minuri wiehed jrid jarhom fil-kuntest partikolari ta’ fejn il-minuri tkun tirrisjedi f’dak il-mument, billi tista tigi kondizzjonata. Tiddeskrivi lill-attur bhala persuna finanzjarjament agevolat u prepotenti, kif konfermat mill-atteggjament tieghu mal-Pulizija waqt l-access u mal-Marixxal tal-Qorti li mar jesegwixxi mandat fir-residenza tieghu. Hi elenkat l-atti, tnax (12), bejn t-2 ta’ Frar 2012 u l-1 ta’ Lulju 2014, fejn kellha tirrikorri ghall-Qorti billi l-attur kien jisfida u ma jonorax id-digrieti tal-Qorti. L-konvenuta tikkumenta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur, tikkalkola li ghandu propjeta’ fil-valur ta’ Euro455,000. Tissottometti li stante d-diversita’ kbira fil-mezzi tal-partijiet l-attur ghandu jhallas manteniment ta’ Euro350 fix-xahar ghall-bzonnijiet tat-tfal u jhallas ghall-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni. Hi taqbel li t-tfal ghandhom jibqghu jghixu gimgha ghand l-omm u gimgha ghand il-missier, li l-kura u l-kustodja tkun f’idejha, li decizjonijiet dwar l-iskejjel tat-tfal jittiehdu miz-zewg genituri flimkien, li ghall-passaport tat-tfal jiffirmaw iz-zewg genituri u li jzommu passaport wiehed kull parti.

Dwar l-access il-konvenuta tiddistingwi bejn ix-Xitwa u is-Sajf, billi P fil-weekends tas-Sajf, tkun tixtieq tmur fuq id-daghjsa ma’ missierha. Il-konvenuta ghalhekk ipproponiet li fix-xhur tas-Sejf tkun maghha ghall-weekend wiehed kull xahar. Tipproponi ghalhekk li fix-xhur tas-Sajf l-access mill-omm jigi ezercitat mit-Tnejn wara nofs in-nhar sal-Gimgha fil-ghodu, u mill-missier mill-Gimgha wara nofs in-nhar sat-Tnejn fil-ghodu. Tipproponi wkoll li fis-Sajf il-pick up point jkun l-Agenzija Appogg jew l-Ghassa tal-Pulizija , Birkirkara, li ghalkemm m’humhiex il-postijiet ideali jistghu jservu biex ma jinqalax glied bejn il-partijiet. Hi ssugerit in-nomina ta’ esperti biex jghinu kemm lit-tfal kif ukoll lill-genituri biex jaccettaw ir-realta’ presenti u jirrapportaw perjodikament lill-Qorti.

L-attur fir-replika tieghu ghan-nota tal-konvenuta, pprezentata fil-11 ta’ Frar 2015, Fol 1891 et seq. jikkontesta dak dikjarat mill-konvenuta li hu kellu diversi partners, u li P qed tirrifjuta tmur ghand missierha. Issottometta li saru diversi allegazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-provi.

Il-konvenuta talbet l-isfilz ta' din n-nota tal-attur u b'verbal registrat fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, l-istess konvenuta nghatat il-fakolta' li tippresenta nota ulterjuri u finali sat-30 ta' April 2015.

Il-konvenuta pprezentat din n-nota, Fol. 1898, fejn rreplikat ghal dak li ssottometta l-attur fin-nota pprezentata fil-11 ta' Frar 2015.

**KONKLUZZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI**

Il-Perit Legali l-Avukat Dottor Keith Borg, fir-relazzjoni tieghu pprezentata fit-31 ta' Gunju 2015, Fol, 1911 et seq, wasal ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

1. Il-kura ordinarja tal-minuri P u S ghandha tigi fdata f'idejn l-attur, u l-minuri ghandhom jghixu mieghu.

2. Il-kustodja tal-minorenni ghandha tkun wahda kongunta; decizzjonijiet ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri flimkien.

3. L-access fix-xhur skolastici;

Gimgha A
Kull nhar ta' Tnejn l-omm tigbor il-minorenni mill-iskola, traqqadhom maghha u twassalhom l-iskola l-ghada filghodu;
Kull nhar ta' Gimgha l-omm tigbor it-tfal mill-iskola traqqadhom maghha ghall-weekend u twassalhom l-iskola it-Tnejn fil-ghodu.

Gimgha B
Kull nhar ta' Tlieta l-omm tigbor it-tfal mill-iskola traqqadhom maghha sal-Gimgha meta twassalhom l-iskola fil-ghodu.

Meta jkunu bil-vakanzi u ma jkollhomx skola ippropona s-segwenti:

Gimgha A
Kull nhar ta' Tnejn l-omm tigbor it-tfal mir-residenza tal-missier f'Tas-Sliema fis-1.30pm, traqqadhom maghha, u tirritornhom fl-istess post l-ghadha fis-2.30pm.
Kull nhar ta' Gimgha l-omm tigbor lit-tfal mir-residenza tal-missier f'Tas-Sliema fis-1.30pm traqqadhom maghha ghall-weekend u tirritornhom fl-istess post it-Tnejn fit-8.30am.

Gimgha B
Kull nhar ta' Tlieta, l-omm tigbor it-tfal mir-residenza tal-missier f'Tas-Sliema fis-1.30pm, traqqadhom maghha sal-Gimgha u twassalhom lura l-istess post fis-2.30pm.

4. F’Lejlet il-Milied, u jum L-Ewwel tas-Sena l-ulied ghandhom jkunu ma parti f’sena u mal-parti l-ohra s-sena ta’ wara. L-istess ghandu jsir fil-Milied u Lejlet L-Ewwel tas-Sena.

Fil-festi bhal l-Ghid il-Kbir, fil-birthdays tal-ulied, Precett u Grizma it-tfal ghandhom iqattghu nofs ta’ nhar ma’ kull parti.

Fil-birthdays tal-genituri, Jum l-Omm u Jum il-Missier ghandhom iqattghu il-gurnata ma’ dik il-parti li tkun qed ticcelebra il-festa taghha.

5. Il-perit legali rrakkomanda li l-passaporti tal-miuri jinzammu mill-attur. Passaport gdid tal-minuri jirrikjedi l-kunsens taz-zewg genituri bil-miktub. Safar minn parti mal-ulied tirrikjedi il-kunsens tal-parti l-ohra li ghandu jintalab tlett gimghat qabel is-safra, ghandhom jinghataw dettalji tal-itinerarji u l-fakolta’ li jikkomunikaw kull jum mal-parti l-ohra waqt is-safar. Jekk parti issiefer it-tfal ghandhom jinzammu mill-parti l-ohra.

6 Ic-Children’s Allowance u kull assistenza socjali ghandu jirceviha il-missier.

7. Spejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari tal-minorenni ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Dawn ghandhom inizjalment jithallsu mill-missier u wara l-omm tirrifondilu sehemha.

8. L-ebda manteniment ma ghandu jkun dovut minn parti ghall-ohra.

9. Finalment il-Perit Legali rrakkomanda il-hatra ta’ psikologu fil-kamp socjali, biex dan jsegwi l-kaz u jirrapporta lill-Qorti perjodikament dwar kif gew effettwati l-minuri bid-decizjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu ghall-kontro talba tal-konvenuta l-attur rikonvenzjonat jeccepixxi illi l-kontro talba hija nulla peress li l-okkju tal-kontro talba ma huwiex l-istess bhal dak tar-rikors guramentat. Ezami tal-kontro talba juri illi l-konvenuta l-okkju fir-risposta indikatu identiku bhal dak tar-rikors guramentat filwaqt li l-okkju fil-kontro talba nizlitu bhala l-konvenuta kontra l-attur. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jwassalx ghan-nullita’ tal-att. Ma jirrizultax li dan gab xi pregudizzju fuq l-attur rikonvenzjonat.

Fil-mertu:

Fost l-artikoli tal-ligi applikabbli ghall-kaz in dizamina insibu s-segwenti:-

**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta:-

" B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"

**Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

" Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."

**Artikolu 3B subincis (2)** :

" L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi skont il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragionevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:

(a) li jkunu student li qedghin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time u huma taht l-eta' ta'tlieta u ghoxrin sena;jew

(b) li jkollhom dizabilita',kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali.

**Artikolu 20 (1)** :

"IL-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih".

Ikkunsidrat;

**L-Interess Suprem tal-Minuri**

Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol. XLII.ii.1068) inghad "li l-kura tat-tfal komuni {f'dak il-kaz ta' koppja mizzewga} sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l=edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili 8 ta' Dicembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867, "Camenzuli vs. Gatt", Volume IV, pagina74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re "John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"; u

hafna ohrajn), hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu". Illi fil-kawza fl-ismijiet "Yolanda Formosa vs Maggur Frank Formosa" deciza fl-10 ta' Gunju, 1964 (XLVIII.ii.1033) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nghad illi "b'gid tat-tfal ghandna nifhmu mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben esseri morali taghhom. It-tfal, f'kawzi bhal dawn, m'humiex oggett in kontraversja u l-interess tal-genituri fil-kwistjoni dwar il-kustodja taghhom huwa nservjenti ghall-interess tat-tfal".

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Sylvia Melfi vs Philip Vassallo"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru, 1998 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:- "In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child". "The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**L-Avukat Dottor Stephen Thake nomine et vs Joseph Portell**i" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1994 intqal illi f'certa kazijiet il-Qorti tista' anke tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu.

F'sentenza aktar recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef** moghtija fit-18 ta' Gunju 2007 intqal hekk:

"Principju iehor ben not fil-ligi tal-familja huwa li l-genituri huma obbligati li jagixxu dejjem fl-ahjar interess ta' wliedhom. Huwa dejjem obbligu tal-Qorti li fil-provvedimenti li taghti tipprova tikseb ghall-ulied ……… dak li jkun ta' l-aqwa utilita` u ta' vantagg ghall-istess ulied. L-Artikolu 47 u 56 ta' l-istess Kodici jaccennaw ghal dan l-obbligu tal-Qorti - sija pure fil- kuncett tal-kura u kustodja - li l-konsiderazzjoni ewlenija tal-Qorti ghandha tkun il-gid ta' l-ulied. "

Ikkunsidrat;

L-attur qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja esklussiva ta' uliedu l-minuri P u S, qed jitlob manteniment mill-konvenuta, talba li fl-ahhar sottomissjonijiet minnu maghmula ma ghadux jinsisti fuqha, u li jinghataw il-provedimenti xierqa u opportuni dwar skola, is-safar tal-minuri, attivitajiet edukattivi u extra kurrikolari .

L-konvenuta tikkontesta l-ewwel talba tal-attur u permezz ta' kontro-talba qed titlob li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied tigi fdata lilha, b'modalita' ta' access favur l-attur. Hi topponi ukoll it-tieni talba tal-attur, li qed jitlob li tigi kkundannata thallsu manteniment, u qed titlob li l-istess attur ghandu jibqa' jhallasha manteniment kif gja gie dekretat mill-Qorti u li hu ghandu jikkontribwixxi aktar minnha billi l-introjtu tieghu hu ferm akbar minn taghha. Qed titlob , in oltre, li l-attur ihallas ghall-ispejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri. Hi ma toggezzjonax ghat-tielet talba tal-attur dment li l-istess ezercizzju ssir fl-ahhjar interess tat-tfal. Fil-kontro-talba qed titlob li jinghataw l-provvedimenti xierqa dwar it-tfal bhal kif ghandu jigi regolat is-safar taghhom, l-iskola, attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari.

Il-partijiet m'humiex mizzewgin. Kellhom relazzjoni li damet xi hdax-il sena, u kellhom zewgt itfal, P ,li twieldet fl-10 ta' Frar 2005 u S, li twieled fl-10 ta' Frar 2009. Ilum P ghanha 11 il-sena u S ghandu 7 snin.

Irrizulta mill-provi mressqa u min-numru kbir ta' rikorsi li kull parti pprezentat tul il-kors tal-kawza odjerna, li kien jinqala' hafna glied bejn il-partijiet specjalment meta kien isehh il-konsenja tat-tfal fil-bidu u fi tmiem l-access tal-missier. Kien jinqala' incident prattikament f'kull okkazjoni. Kif jidher mid-digrieti fuq citati, fil-bidu it-tfal kienu jirrisjedu mal-omm u l-missier kien jigborhom kull nhar ta' Tlieta u kull nhar il-Hamis u gimgha is-Sibt u l-gimgha ta' wara il-Hadd. Sussegwentement fuq talba tal-attur it-tlett okkazzjonijiet tal-access fost il-gimgha zdiedu mit-Tnejn sal-Gimgha peress li l-attrici tahdem sas-7.00 pm u darba is-Sibt u darba ohra il-Hadd kull gimgha.

Dawn l-inkontri bejn il-missier u l-omm prattikament ta' kull jum, kellhom effett dizastruz billi immankabilment dejjem jinqala' xi incident fil-presenza tat-tfal. Tant kiber l-attrit bejn il-partijiet li l-Qorti anke peress li kien wasal is-Sajf u t-tfal kienu bil-vaganzi, u sabiex jigu eliminati l-incidenti giornalieri ordnat li matul il-vaganzi t-tfal jirrisjedu gimgha ghand l-omm u gimgha ghand il-missier. Dan kien provvediment temporanju li japplika ghas-sajf biss u wara jigi rivedut. Bhala stat ta' fatt jirrizulta li dan l-arrangament temporanju kellu l-effett li l-incidenti ta' kuljum bejn iz-zewg genituri prattikament spiccaw ghal kollox. Bis-sistemazzjoni temporanja ordnata b'digriet interim kien possibbli li t-tfal ta' lanqas jghixu f'ambjent ferm anqas turborlenti u ferm anqas vjolenti. Tant li l-istess genituri urew li ma kienux kontra li l-arrangament temporanju jitwal u dan gie kkonfermat bid-digriet tas-7 ta' Marzu 2014.

Ikkunsidrat;

Irrizulta li qabel ma l-omm akkwistat l-appartament taghha f'Birkirkara fejn allura setghat taghti sistemazzjoni ahjar liz-zewg minuri, hija kienet qed tghix mal-genituri taghha u ohtha. Kien hemm problema ta' spazju li giet rizolta wara l-akkwist tal-appartament. Ghand l-omm it-tfal ghandhom kamra tas-sodda bejniethom separata filwaqt li ommhom ghanda kamra ghaliha.

Mal-missier it-tfal ghandhom kamra tas-sodda kull wiehed u wahda.

L-esperta gudizzjarja, l-haddiema socjali Therese Micallef, ikkummentat illi filwaqt li n-norma hi li huwa tajjeb li t-tfal ikollhom residenza specifika wahda, f'dan il-kas partikolari irrizultalha u kkonstatat li t-tfal ghadhom bazi tajba kemm ghand l-omm kif ukoll ghand il-missier. Micallef ikkummentat illi l-arrangament prezenti ta' hin ugwali sew mal-omm kif ukoll mal-missier hadem u t-tfal qed jghixu f'aktar trankwillita', definittivament hafna ahjar minn meta kienu jghixu ghand l-omm b'access favur il-missier.. Hi ddikjarat li jekk l-arrangament hadem, u t-tfal jidhru kuntenti b'dan l-arrangjament, mhux opportun li jinbidel anke ghar-raguni li dan l-arrangjament jipprovdi opportunita' ta' *quality time* tat-tfal kemm mal-omm kif ukoll mal-missier.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, Fol 1862, l-attur ikkummenta dwar tlett alternattivi;

a) li l-minuri jigu segregati minn xulxin per ezempju, P tghix mal-missier u S jghix mal-omm, b'aceess ghal genitor l-iehor;

b) li jinzamm l-arrangjament vigenti, gimgha ghand l-omm u gimgha ghand il-missier;

c) li l-minuri jkollhom ir-residenza principali ma' genitur b'access frekwenti favur il-genitur l-iehor.

L-attur jissottometti li hu wera bil-fatti u bis-sagrificcji li ghamel li hu l-aktar idoneju sabiex iz-zewg minuri jirrisjedu mieghu u ghalhekk jitlob li z-zewg minuri ghandhom jirrisjedu mieghu b'access regolari favur l-omm.

Ikkunsidrat;

Il-partijiet ghexu flimkien ghal madwar hdax-il sena li matulhom kellhom zewgt itfal. Mat-terminazzjoni tar-relazzjoni taz-zewg partijiet bdiet taqtiha harxa bejn iz-zewg genituri dwar ma' min iz-zewg minuri kellhom jirrisjedu. Kull parti hasset illi kienet il-persuna idonea sabiex maghha jew mieghu jirrisjedu z-zewg minuri. Minn hemm bdew sensiela interminabbli ta' incidenti bejn iz-zewg genituri hafna minnhom fil-presenza tal-ulied specjalment fil-mumenti li l-missier ikun qed jiehu l-uliedu ghall-access jew inkella fil-hin tat-tmiem tal-access. L-incidenti komplew maz-zmien jiskalaw tant li l-Qorti kellha tintervjeni diversi drabi kif jixhdu n-numru ta' digrieti *pendente lite* moghtija. L-incidenti naqsu drastikament jekk mhux addirittura spiccaw una volta l-Qorti tat digriet *pendente lite* bl-intendiment li kienet mizura temporanja ghal zmien il-vaganzi tas-Sajf sabiex l-ulied jirrisjedu gimgha mal-missier u gimgha mal-omm. Jigi emfasizzat illi dan kien arrangament inizzjalment intenzjonat ghaz-zmien tal-vaganzi tas-sajf. Wara li l-Qorti rat li l-arrangament ikkalma drastikament is-sitwazzjoni bejn iz-zewg genituri bil-beneficcju ovvju ghall-minuri, il Qorti fehmet

illi l-istess partijiet ma xtaqux li mat-tmiem tas-Sajf jergghu jirritornaw ghas-sitwazzjoni antecedenti ta' inicidenti kontinwi u ghalhekk l-arrangament ta' residenza maz-zewg genituri gie estiz u ghadu vigenti sallum. Jirrizulta *ictu oculi* mill-atti illi kien biss dan l-arrangament illi gab sitwazzjnoi kalma fil-hajja taz-zewg minuri.

Id-dilemma rinfacjata biha l-Qorti issa hi s-segwenti: huwa fl-interess tal-minuri li dan l-arrangament ta' residenza, li skond l-esperta gudizzjarja hadem f'dan il-kaz partikolari, jigi mill-gdid varjat sabiex iz-zewg minuri jghixu ma' genitur b'access favur il-genitur l-iehro.

Il-Qorti issa waslet ghad-decizzjoni finali. Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat jekk l-arrangament tar-residenza tal-ulied ghandux jibqa' kif ilu issa ghal dawn l-ahhar sentejn jew inkella ghandiex il-Qorti tiddeciedi definittivament jekk it-tfal ghandhomx jirrisjedu principalment ma' genitur b'access favur genitur iehor. Il-posizzjoni taz-zewg genituri fir-rigward hija kontrastanti. L-omm issostni li la l-arrangament vigenti hadem ghandu jinzamm filwaqt li l-missier isostni illi l-ulied jehtieg li jkollhom dar wahda bhala l-bejta taghhom u mhux zewgt idjar. Isostni ghalhekk illi t-tfal ghandhom jirrisjedu mieghu gialadarba jhoss li huwa l-aktar persuna idonea miz-zewg genituri sabiex mieghu jirrisjedu t-tfal b'access favur l-omm.

Jigi osservat illi fil-maggoranza kbira tal-kazi fejn jidhol konflitt dwar kura u kustodja ta' minuri fl-ambitu ta' litigji familjari, spiss jirrizulta illi iz-zewg genituri huma individwalment genituri kompetenti u idonei li jrabbu lil uliedhom. Cionostante fil-maggoranza kbira tal-kazijiet il-Qorti tordna li l-minuri jirrisjedu ma' genitur b'access stabbilit mal-genitur l-iehor. Dan ukoll huwa l-arrangiament l-aktar komuni li jigi stipulat f'kuntratti ta' separazzjoni konsenswali jew f'kuntratti dwar kura u kustodja ta' tfal imwielda minn relazzjonijiet extra-maritali.

Lura ghall-kaz odjern, il-missier qed isostni illi fil-kawza odjerna l-Qorti m'ghandiex tiddipartixxi minn dak li solitament isehh. Jinsisti illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li t-tfal ghandu jkollhom residenza wahda u li dik ir-residenza ghandha tkun mieghu peress li skond l-attur, l-omm mhiex kapaci trabbi lil uliedha.

L-akkuza tal-missier versu l-omm illi aktar mohha fil-hrug mal-hbieb milli tiehu hsieb lit-tfal ma tirrizultax fondata. L-ilment tal-missier li s-sieheb tal-omm mhux ta' min ihallih vicin it-tfal lanqas irrizultat fondata. Ma jirrizulta xejn mill-atti li l-karattru tas-sieheb tal-omm qed ikun ta' detriment ghaz-zewg minuri. L-omm spjegat illi in-negozju tas-sieheb taghha huwa li jiggestixxi "amusement machines". Ma tresqu l-ebda provi da parti tal-attur kif dan in-negozju qed ikun ta' detriment ghaz-zewg minuri. Ma rrizultax li l-minuri jattendu fil-post tan-negozju gestit mis-sieheb tal-konvenuta.

Irrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-omm kapaci tiehu hsieb kif xieraq liz-zewgt itfal, toffrilhom il-kura u l-attenzjoni mehtiega u li ghandha residenza li toffri l-kumdita' necessarja sabiex fiha jirrisjedu z-zewg minuri.

Il-fatt li l-mezzi finanzjarji tal-konvenuta huma inferjuri ghal dawk tal-attur ma jaghmluwiex omm anqas kapaci. Il-fatt li r-residenza taghha ghandha zewg kmamar tas-sodda u mhux tlett kmamar tas-sodda bhal ma ghandha r-residenza tal-missier ma jaghmlux lil omm anqas kapaci li trabbi lil uliedha.

L-attur jissottolinea incident fejn f'mument ta' rabja il-konvenuta qalet lil bintha sabiex tnehhi minn fuqha dublett li kienet xtratilha meta kienet f'post pubbliku. Filwaqt li bhala incident huwa kundannabbli il-Qorti tinnota li dan kien incident izolat li sehh fi zmien fejn it-tifla kienet bl-aktar mod vociferu tghajjar lil ommha u tghidila li ma tridx tmur ghandha. Analizzati l-provi kollha mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-agir aggressiv tat-tifla fil-konfront ta' ommha f'dak il-perijodu kien rizultat ta' tentativ da parti tal-attur sabiex jaljena lit-tifla minn ma' ommha. (parental alienation).

Dan l-agir ostili u aggressiv tat-tifla fil-konfront ta' ommha waqaf appena t-tifla bdiet tirrisjedi gimgha mal-omm u gimgha mal-missier.

In-nuqqas li l-Qorti tirriskontra fl-omm gej mill-fatt illi irrizulta li halliet lil uhud mill-membri tal-familja estiza taghha jinvolvu ruhhom direttament fil-litigji ta' bejn il-partijiet. Jirrizuta mit-testimonjanza ta' membri tal-familja taghha kemm huma verament involuti fil-litigji ta' bejn iz-zewg genituri fejn wiehed minnhom ma ddejjaq xejn illi jattakka verbalment lill-Avukat tal-missier.

Fir-rigward tal-missier il-Qorti hi tal-fehma illi jekk ghal mument wiehed kellu jwarrab it-tentativi tieghu li jikwalifikaw bhala 'parental alienation" bejn it-tifla fil-konfront tal-omm, jirrizulta li l-missier huwa persuna li kapaci jsib bilanc bejn l-impenji tieghu relatati man-negozju li jiggestixxi u d-doveri tieghu ta' missier ta' zewg ulied minuri. L-attenzjoni li huwa jaghti ghall-htigijiet taz-zewg minuri gie ampjament ippruvat. Il-Qorti hija konvinta li l-missier irid l-ahjar ghaz-zewg uliedu u lest li jaghmel is-sagrificji necessarji sabiex jarhom jikbru f'sahhithom bi trobbija tajba.

In-nuqqas li l-Qorti tirriskontra fil-missier jinstab fl-attegjament tieghu versu l-omm minn kif bdew il-litigji bejn il-partijiet. Il-posizzjoni li ha l-missier mill-bidu ta' dawn il-proceduri kienet illi jinizzja process ta' alienazzjoni bejn l-omm u l-bint. Il-Qorti kellha l-okkazzjoni illi tisma t-testimonjanzi viva voce tal-partijiet kif ukoll semghat lill-minuri in camera. Tasal ghall-konkluzzjoni illi l-attur ghamel minn kollox sabiex jaljena lill-minuri minn ma' ommha billi jiddiskuti mal-minuri aspetti tal-vertenza ta' bejn il-partijiet kif ukoll l-andament tal-kawza. L-attur jammetti illi ddiskuta biss mat-tifla ir-rapport tal-Psikologa nominata mill-Qorti f'dak l-aspett fejn tissemma t-tifla. Izda dan biss juri kemm l-attur ma qadx iqis il-hsara li seta ghamel lit-tifla meta involviha f'diskussjoni fuq suggett tant delikat. Rilevanti f'dan ir-rigward dak li

spjegat l-Esperta Gudizzjarja Carmen Sammut fir-rapport taghha (Fol. 206) fejn wara li spjegat ir-ragunijiet li l-minuri tatha ghaliex tixtieq tirrisjedi mal-missier u mhux mal-omm ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Bhala Psikologa, nixtieq nemfasizza l-livell kemmxejn gholi ta' stress u ansjeta' lit-tifla bdiet tesprimi tul il-laqghat li kellna. Il-bzonn li tipprova tikkontrolla dak kollu li qed jigri madwarha kien car. Ezempju car ta' dan hija r-reazzjoni taghha meta jiena staqsejtha biex taghmel xi tpingijiet. Hi uriet sinjali cari ta' nsikurta' u ossessjoni b'perfezzjoni meta bdiet il-hin kollu tikkritika t-tpingija taghha, bdiet tibza' tiehu l-inizjattiva biex tpingi minghajr xi tip ta' ghajnuna, darba minnhom harget tistaqsi lil ommha fejn ser tpoggi l-idejn fit-tpingija li kienet qed taghmel. U meta staqsejtha biex tpingi familja, fejn din id-darba gabha missierha, hi ma felhitx taghmel din it-tpingija u proprju talbitni biex ma ninsistiex li tpingi familja. Hi spjegat ruhha hekk: "ghax in-natural family mhux real family ghax il-familja mhux maghquda u din il-haga ddejjaqni". Meta gejna ghal-laqghat fejn kellna naghmlu xi stejjer, il-fatt li ma kienx hemm linji fuq il-pagna qajmilha hafna ansjeta', u bdiet taghmel linji hi. Fil-fatt, kellna mmorru fuq it-tieni laqgha biex nispiccaw dan l-ezercizzju, xi haga li rari kelli bzonn naghmel tul kemm ili nuza din l-attivita'……..Id-dwejjaq taghha dwar is-sitwazzjoni tal-familja taghha giet riflessa wkoll f'wahda mill-istejjer qosra li ghamlet. Fil-klinika, meta bdejt nosserva l-mod kif bdiet iggib ruhha fil-presenza tal-genituri taghha, il-bzon ta' attenzjoni, ta' kontroll min-naha taghha, kien ovvju."

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-missier ghazel strategija li "jirbah" lil bintu billi jnissel sens ta' superjorita' fil-bint fuq l-omm. Essenzjalment dahhal f'mohh it-tifla li hija issa hadet post ommha fid-dar u li ghalhekk dak il-lussu li qabel kienet tgawdi ommha meta kienet ma' missierha issa ser tibda' tgawdih hi ad eskluzzjoni ta' ommha. Tali sitwazzjoni giet ukoll konstata mill-Psikolga Carmen Sammut li ma kelliex il-beneficcju li issa ghandha l-Qorti tal-provi kollha migbura. Ir-rapport tal-Psikologa gie redatt u pprezentat fi zmien bikri tal-kawza izda gia' l-Psikolga Sammut ikkonstatat il-hsara psikologika li kienet qed issir lit-tifla mill-missier:

"Inhoss li hija haga ftit inkwetanti li tifla ta' 8 snin qeghda tithalla tigi f'posizzjoni li tiehu post ommha fir-relazzjoni ma' missierha, u dan anki fis-sodda ta' l-irqad. Huwa ovvju li t-tifla hija aktar komda ghand missierha, u dan ikkonfermawh iz-zewg genituri, biss kemm din il-kumdita' qed tithallas bi prezz ftit gholi fejn jidhol l-effett li qed ikollha fuq l-izvilupp taghha, kif ukoll fuq ir-relazzjonijiet li hi qed tizviluppa maghhom…….irrid nigbed l-attenzjoni ghal mod kif P qed 'titkabbar' meta tinghata responsabbiltajiet tqal wisq ghaliha li qed jinfluwenzawha hazin. L-insikurta' taghha u l-bzonn taghha ghall-attenzjoni huma kbar, u dawn il-bzonnijiet jistghu jigu indirizzati ahjar mill-genituri jekk igorru ahjar ir-responsabbiltajiet taghhom bhala genituri u jaghmlu decizzjonijiet flimkien dwar dak li jkun tajjeb ghaliha. Li hi taghzel jekk m'ghandiex tmur ghand ommha jew le, meta z-zewg genituri jidhru li jifhmu li relazzjoni maz-zewg genituri hija mportanti, hija wisq "power" ghal tifla ta' 8 snin."

Bil-beneficcju tal-provi issa kollha migbura quddiemha l-Qorti hi tal-fehma illi l-attur ma ikkonsidrax li relazzjoni tajba bejn il-bint u l-omm hu fl-ahjar interess tal-bint. Kien evidenti tul il-kors ta' din il-kawza illi mhux talli l-attur ma kellu l-ebda intenzjoni li r-relazzjoni bejn il-bint u l-omm tissahhah izda f'diversi okkazzjonijiet jirrizulta li l-missier kien hadem attivament sabiex ir-relazzjoni bejn l-omm u l-bint tiddghajjef jekk mhux addirittura tigi permanentement jew drastikament menomata. Id-decizzjonijiet li kien intenzjonalment jiehu wahdu fir-rigward tat-tfal minghajr l-ebda konsultazzjoni mal-omm sabiex mat-tfal jidher li m'hemmx bzonn l-involviment tal-omm fil-hajja taghhom huma evidenza tal-animu li l-attur hares lejn ir-relazzjoni bejn il-genitur u l-ulied. L-attitudni tieghu passiva f'dawk l-okkazzjonijiet fi tmiem l-access mal-missier kull meta t-tifla uriet rezistenza vocifera u vjolenti sabiex tmur lura ghand l-omm wara l-access ma' missierha huma evidenza li l-missier kien qed jikkonsidra illi bid-deterjorament fir-relazzjoni bejn il-bint u l-omm, il-probabilita' li jispicca jinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-bint kienet ser tikber.

F'dan ix-xenarju il-missier kien qed jinsisti li l-Qorti ghandha tisma' lill-minuri u taghti widen ghar-rieda tat-tifla u cioe' li titlaq minghand ommha u tmur toqghod ghand missierha b'mod permanenti. Kien u ghadu ovvju ghall-Qorti illi tali pass kien ikun fatali ghar-relazzjoni bejn l-omm u l-bint. Kien evidenti ghall-Qorti illi tali pass kien ifisser dak li bil-lingwa Ingliza jissejjah "the point of no return". Fejn l-aljenazzjoni bejn l-omm u l-bint tigi sigillata u msahha dejjem aktar b'nuqqas ta' kuntatt bejn l-omm u l-bint.

Ikkunsidrat;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet, il-Qorti kienet u ghada tal-fehma gwidata mill-principju illi decizzjonijiet ta' din ix-xorta mehtieg li jkunu gwidati mill-interess suprem tal-minuri, l-unika triq sana ghaz-zewg minuri hija li jzommu kuntatt b'sahhtu maz-zewg genituri fejn hadd ma jhossu li rebah jew li tilef, la l-genituri u lanqas l-ulied minuri, fejn it-tfal ma jkollhomx ghalfejn jappoggjaw genitur kontra l-genitur l-iehor, fejn it-tfal ma jkollhomx jinghogbu ma' genitur u jitbeghdu mill-genitur l-iehor.

Fl-ghar mumenti ta' din il-kawza meta l-livell ta' disgwid u litigji bejn iz-zewg genituri kien tant gholi kif rifless fin-numru kbri ta' rikorsi *pendente lite* pprezentanti b'mod partikolari f'dak il-perijodu, il-Qorti kienet hadet azzjoni bl-iskop li jibda l-process twil u difficli ta' miljorament progressiv fil-kwalita' tal-hajja taz-zewg minuri marbut intrinsikament mal-eliminazzjoni tal-konflitti ta'bejn iz-zewg genituri.

Kien f'dan ix-xenarju li b'digriet tal-14 ta' Awissu 2013 illi Qorti kienet iddekretat is-segwenti:-

“Bl-iskop li jigi sakemm possibbli newtralizzat il-hsara fuq riskrontata, il-Qorti tordna li sakemm iz-zewg minuri P u S qeghdin bil-vaganzi tas-sajf, jirrisjedu gimgha ghand missierhom u gimgha ghand ommhom u dan b’effett immedjat.”

Il-Qorti ddekretat ukoll li dan l-arrangament dwar ir-residenza tal-minuri jigi rivedut wara li l-vaganzi tas-sajf ikunu spiccaw. Dan l-arrangament rega gie kkonfermat b’digriet tas-7 tga’ Marzu 2014 emendat b’digriet tat-8 ta’ April 2014 fejn gie regolat id-dritt tal-genitur li jikkomunika mat-tfal meta jkunu ghand il-genitur l-iehor.

Id-decizzjoni li issa l-Qorti hija msejha li tiehu hi jekk ghandhomx iz-zewg minuri jibqghu jirrisjedu gimgha mal-missier u gimgha mal-omm kif ghamlu issa ghal dawn l-ahhar sentejn jew inkella ghandiex il-Qorti tiddeciedi li t-tfal jirrisjedu esklussivament ma’ genitur b’access mal-genitur l-iehor.

Il-fatt li issa z-zewg minuri ilhom sentejn jirrisjedu gimgha ghand missierhom u gimgha ghand ommhom tat l-opportunita’ anke lill-esperta gudizzjarja l-Haddiema Socjali Therese Micallef nominata mill-Qorti taghmel evalwazzjoni ta’ dan l-arrangament li beda temporanju ghas-Sajf u tkompla wara s-Sajf ghar-ragunijiet gia’ fuq esposti. Ms Micallef ipprezentat rapport fl-20 ta’ Jannar 2014 u xehdet quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta’ Frar 2014.

Waqt ix-xhieda taghha quddiem il-Qorti l-haddiema socjali Therese Micallef spjegat il-mod li bih ulied il-kontendenti assorbew il-kunflitt ta’ bejn il-genituri taghhom. Dwar dak minnha riskontrat fir-rigward tar-residenza multipla tat-tfal tghid hekk:-

“M’urewx partikolarment li qed jiddejqu jaghmlu gimgha u gimgha. Opinjoni tieghi li l-ahjar it-tfal ikollhom bazi permanenti pero’ fil-verita’ ghandhom bazi ghand l-omm u bazi ghand il-missier…..Illi jibqghu gimgha gimgha ghandi r-rizervi tieghi imma the children were fine….. Jigifieri fil-verita’ fil-kaz taghhom it-tfal ma esprimewx concern illi m’humiex qed ikunu stabbli. Jigifieri jekk f’dan il-kaz qed jahdem il-gimgha gimgha, if it works for this case it works. Kwazi kwazi hekk nahseb ikollhom aktar cans u norbot ma’ l-ewwel punt tieghi li jkollhom *quality time* mal-genituri.”

Ikkunsidrat;

Huwa minnu li fil-maggoranza kbira ta’ kazi ir-residenza ordinarja ta’ minuri tkun ma’ genitur b’access inkluz ‘sleep over’ fi tmiem il-gimgha. Dan mhux ghaliex xi hadd mill-genituri huwa genitur hazin izda ghaliex huwa meqjus li tali arrangament dwar ir-residenza tal-minuri jaghti sens ta’ stabbilita’. Dan l-arrangament ma jahdimx mal-persuni involuti f’din il-kawza. Il-Qorti setghat tikkonstata sal-ahhar udjenzi quddiemha qabel halliet il-kawza ghas-sentenza, li bejn iz-zewg genituri ghad hemm l-animozita’ vicofera li kkonstatat fil-bidu ta’ dawn il-proceduri. Huwa evidenti illi nonostante l-appelli li ghamlulhom il-Qorti kif ukoll l-esperti gudizzjarji, l-animozita’

li ghadhom jikkoltivaw fil-konfront ta' xulxin. Huwa ghalhekk necessarju illi l-arrangament ta' residenza ghandu kemm jista' jkun jelimina l-incidenza li l-partijiet jiltaqghu anke jekk ghal zmien qasir hafna. Il-provi juru illi kull meta l-partijiet iltaqghu fil-passat fil-bidu u fit-tmiem tal-access tista' tghid li spiss kienu jinqalghu incidenti bejniethom.

L-attur jissottometti li t-tfal ghandhom bzonn bazi, stabbilita' u post li jistghu isejhulu 'home'. Jissottometti wkoll illi 'Il-bazi, l-bejta hi mehtiega ghat-tfal'.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ulied verament jinhtiegu ambjent akkoljenti u prottettiv. Il-kuncett ta' bejta mhux limitat ghall-istabilita' fizika li tipprovdi r-residenza. Il-bejta sabiex taghti l-frott jehtieg li tkun akkumpanjata minn atmosfera karenti minn litigji. Inutli nitkellmu fuq bejta meta iz-zewg ghasafar li suppost qed jindukraw il-frieh taghhom ma jitilfux okkazzjoni wahda sabiex jikkonvertu kull inkontru bejniethom, qasir kemm hu qasir, ghall-okkazzjoni ta' incidenti trawmatici fil-presenza tat-tfal.

Il-Qorti baqghet tittama sal-ahhar jiem ta' din il-kawza li l-genituri jgharfu l-obbligi kollettivi taghhom bhala genituri ta' zewg ulied komuni. Kienu biss il-mizuri li ttiehdu pendente lite li kellhom l-effett li jzommuhom boghod minn xulxin fizikament li wassal ghal atmosfera nieqsa mill-glied fil-presenza tat-tfal u mhux xi kambjament fl-atteggjament tal-partijiet versu xulxin. Sfortunatament ghat-tfal il-Qorti ma rriskontratx xi kambjament fl-atteggjament taz-zewg genituri fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qorti ma taqbilx kompletament mal-abbli Perit Legali li fir-relazzjoni tieghu ippropona residenza tal-minuri mal-missier b'access favur l-omm. Il-Qorti hi tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi jzommu kuntatt mal-omm daqs kemm izommu mal-missier.

Meta wiehed pero' jezamina l-arrangament propost mill-Perit Legali jirrizulta illi bazikament l-arrangament ta' residenza minnu propost huwa essenzjalment l-arrangjament ta' "shared residence" b'xi varjazzjonijiet sabiex jittiehed kont tas-sieghat tax-xoghol tal-konvenuta. Il-Qorti taqbel mal-arrangament ta' residenza propost mill-Perit Legali. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari, fosthom li t-tfal huma kuntenti b'dan l-arrangjament, li l-ulied qed jgawdu il-konvivenza sia mal-omm u sia mal-missier, li l-litigji kontinwi bejn il-partijiet gew eliminati, billi b'dan l-arrangjament ma ghadhomx jiltaqghu, u peress li t-tfal tul dawn l-ahhar sentejn addattaw, jixraq li l-proposti tal-perit legali f'dan ir-rigward jigu implimentati bid-differenza li una volta l-minuri ser ikunu qed jirrisjedu b'mod ordinarju sew mal-omm kif ukoll mal-missier dan l-arrangament mhux ser jigi kwalifikat bhala residenza esklussiva la mal-missier u lanqas mal-omm, ghax fil-verita' residenza esklussiva ma hux.

Il-Qorti ghalhekk qed tordna li matul ix-xhur tas-sena skolastika il-minuri jirrisjedu mal-missier u mal-omm bil-modalita' kif dettaljatament spjegata u indikati fil-paragrafi 82, 84, u 86 tar-relazzjoni peritali, Fol 1948 u 1949. Matul il-vaganzi tas-Sajf il-minuri

jirrisjedu gimgha mal-missier u gimgha mal-omm b'mod alternat kif kienu qed jaghlu dan l-ahhar zmien.

Huwa wkoll indikat illi s-setgha ta' genitur, komunement imsejha kura u kustodja, ghandha tibqa' tigi ezercitata miz-zewg genituri flimkien. Stante id-disparita' fil-mezzi fejn huwa evidenti li d-dhul tal-attur bil-bosta jizboq id-dhul tal-konvenuta, l-allowance tat-tfal imhallsa mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghandha tigi percepita mill-omm fl-intier taghha.

Tenut kont li matul il-gimgha iz-zewg minuri ser ikunu qed iqattghu hin maz-zewg genituri kwazi b'mod indaqs ma hux indikat li l-genituri jhallsu manteniment lill-parti l-ohra. Il-genituri li individwalment ser jqattghu prattikament l-istess hin ma' uliedhom ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-htigijiet taghhom meta jkunu jghixu maghhom.

Decizzjonijiet dwar sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikolari ghandhom jittiehdu mill-kontendenti flimkien. Spejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jithallsu nofs mill-omm u nofs mill-missier bil-mod kif rakkomandat mill-Perit Legali..

Dwar safar u passaporti, billi il-kura u kustodja hi kongunta, tinhtieg il-firma taz-zewg genituri biex johrog passaport gdid f'isem it-tfal. Il-passaporti ghandhom jinzammu, tat-tifla P f'idejn il-missier u tat-tifel S f'idejn l-omm.

F'kull okkazzjoni li genitur wiehed jkun irid isiefer ma' wiehed jew maz-zewgt itfal, jkun jinhtieg il-kunsens bil-miktub tal-genitur l-iehor, li ghandu jintalab mill-anqas tlett gimghat qabel d-data tat-tluq tas-safra. Ghandhom jinghataw dettalji shah tal-itinerarju tal-vjagg, u waqt il-vjagg ghandu jigi assikurat li it-tifel jew it-tfal imsiefrin jikkomunikaw kuljum mal-genitur li jibqa' Malta.

Dwar l-access ghat-tfal mill-genituri f'certi festi partikolari ghandu jigi osservat u implimentat dak rakkomandat mill-perit legali fil-paragrafu 86 tar-relazzjoni.

Fil-preparazzjoni taghha ghal din id-decizzjoni il-Qorti kellha l-okkazzjoni tezamina gurisprudenza rilevanti moghtija fil-gurisdizzjoni Ingliza. Jirrizulta illi filwaqt li fil-passat dawk imsejha "shared residence orders" kienu rari, illum qed jigu utilizzati mill-Qrati Inglizi anke fejn, bhal fil-kaz odjern, ikun hemm sitwazzjoni ta' konflitt bejn iz-zewg genituri. Fis-sentenza **D v D (Shared Residence Order) ([2001]** 1 FLR 495) il-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra rriteniet illi:-

"(1) Contrary to earlier case law, it is not necessary to show that exceptional circumstances exist before a shared residence order may be granted. What is required is to demonstrate that the order is in the interest of the child.

(2) While guidance from the Court of Appeal should be valuable to first instance judges in setting out the principles to be followed, it should not inhibit them

from making the right decision on the individual facts of each case, where the judge exercises his discretion and decides what is best for the children in that particular case..”

Fis-sentenza **AR (A Child:Relocation) [2010]** EWHC 1346) il-Qorti tal-Appell Ingliz (per Mostyn J) ikkummenta hekk dwar ‘shared residence order li gie ordnat”:

“1. A shared residence order is nowadays the rule rather than the exeption, even were the quantum of care undertaken by each parent is decidedly unequal;
2. If one were to draw up a hierarchy of human rights protected by the European Court of Human Rights, near the top would be the right of a child, while he or she is growing up, to have a meaningful participation by both of his parents in his upbringing;”

Il-Qorti ser taghlaq il-konsiderazzjonijiet taghha billi ticcita u taghmel taghha l-osservazzjoni skjetta li ghamlet il-Qorti tal-Appell Ingliz (Civil Division) fil-High Court of Jusitce (per Lady Justice Black) fis-sentenza **T v T [2010] EWCA Civ 1366)** fejn ukoll gie trattat “a shared residence order”:

“In parting with the case, I would invite the attention of all of the parties once again to what the Recorder said to them at the end of his judgment. He told them that they must put aside their differences and that if the adults do not manage to resolve things by communicating with each other, the children inevitably suffer and the adults may also pay the price when the children are old enough to be aware of what has been going on. It is a great shame that that sound advice does not appear to have been heeded. It is a tremendous privilege to be involved in bringing up a child. Childhood is over all too quickly and, whilst I appreciate that both sides think that they are motivated only by concern for the children, it is still very sad to see it being allowed to slip away whilst energy is devoted to adult wrangles and to litigation. What is particularly unfair is that the legacy of a childhood tainted in that way is likely to remain with the children into their own adult lives”.

Kummenti u direzzjonijiet ulterjuri mill-Qorti jkunu superfluwi..

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddecidi din il-kawza u l-kontro-talba billi,

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat.

2. Tilqa’ parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa’ parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri P u S ulied il-kontendenti tkun

kongunta bejniethom b'dan li r-residenza tal-minuri u l-access taghhom versu l-genituri matul is-sena skolastika, u b'effett mill-bidu tas-sena skolastika li jmiss, jkunu skond kif hu dettaljatament indikat fil-paragrafi 82 u 84 tar-relazzjoni tal-Perit Legali, u il-paragrafu 86 tal-istess relazzjoni dwar l-access f'festi partikolari; Matul il-vaganzi tas-Sajf ir-residenza taz-zewg minuri tkun gimgha mal-missier u gimgha mal-omm. Millum sal-bidu tas-sena skolastika li jmiss ir-residenza tal-minuri tibqa' kif regolat bl-ahhar digriet pendente lite.

3. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici u tilqa' parzjalment it-tieni talba rikonvenzjonali billi tichad it-talbiet reciproci ghall-kundanna ta' hlas ta' manteniment ghall-minuri u tordna li l-ispejjez ta'sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri jithallsu nofs mill-missier u nofs mill-omm bil-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu numru 92 tar-relazzjoni tal-Perit Legali. Il-beneficcji socjali imhallsa mill-istat fir-rigward taz-zewg minuri ghandhom jigu percepiti mill-konvenuta.

4. Tipprovdi dwar it-tielet talba tal-attur u r-raba' talba rikonvenzjonali billi tordna li decizjonijiet dwar skola u edukazzjoni ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri flimkien filwaqt li fir-rigward tas-safar il-genitur li jsiefer bit-tfal ghandu jgib il-kunsens bil-miktub mill-genitur l-iehor mhux anqas minn tlett gimghat qabel d-data tat-tluq, jinghataw detalji tal-itinerarju u jigi assikurat komunikazzjoni ta' kull jum mal-genitur l-iehor jew l-ohra, skond il-kas. Il-passaport tat-tifla jinzamm mill-missier filwaqt li l-passaport tat-tifel jinzamm mill-omm.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**